KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-2 ta' Ottubru 2025[1]

Kawża C-163/24

BX
vs
Statul Român – Ministerul Finanțelor Publice,
Curtea de Apel București

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika agrikola komuni – Skemi ta' appoġġ dirett – Regolament (KE) Nru 1782/2003 – Artikolu 20(1) – Sistema ta' identifikazzjoni tal-artijiet agrikoli – Effettività tal-proċeduri ta' amministrazzjoni u ta' kontroll – Dispożizzjoni li (ma) għandh(iex) l-għan li tagħti drittijiet lil individwi – Regolament (KE) Nru 796/2004 – Artikolu 68 – Obbligu tal-bidwi li jiddikjara s-superfiċi u l-identifikazzjoni eżatta tal-art agrikola maħduma u tal-limiti tagħha – Tnaqqis u esklużjonijiet applikabbli fil-każ ta' dikjarazzjonijiet żejda – Eċċezzjonijiet – Kunċett ta' 'informazzjoni fattwalment korretta' – Responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lil individwi bil-ksur tad-dritt tal-Unjoni – Ksur imputabbli lil qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza – Assimilazzjoni ta' sensiela ta' ksur sempliċi tad-dritt tal-Unjoni għal ksur manifest"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija[2]), tirrigwarda, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003[3] li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni (iktar 'il quddiem il-"PAK") u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, kif ukoll tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament (KE)

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Appell ta' Bukarest".

[3] Regolament tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1009/2008 tad-9 ta' Ottubru 2008 (ĠU 2008, L 276, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1782/2003").

Nru 796/2004[4] li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-modulazzjoni u tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' verifika li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003.

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn BX, bidwi Rumen, u l-iStatul Român – Ministerul Finanțelor Publice (l-Istat Rumen – Ministeru għall-Finanzi Pubbliċi) u l-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) dwar ir-responsabbiltà ta' dan l-Istat Membru minħabba, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' osservanza minn din il-qorti, bħala qorti tal-aħħar istanza, tal-obbligu ta' rinviju preliminari previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE.

3. Din il-kawża tistieden, minn naħa, lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-isfumaturi tal-kunċett ta' "dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lil individwi", billi teżamina jekk, u taħt liema kundizzjonijiet, dispożizzjoni legali li għandha mingħajr dubju għan ta' interess ġenerali tista' tipproteġi wkoll l-interessi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi. Min-naħa l-oħra, hija toffrilha l-okkażjoni li tagħmel preċiżazzjonijiet fir-rigward tas-sistema tar-responsabbiltà tal-Istat Membru minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil qorti tal-aħħar istanza, kif stabbilixxietha l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Köbler[5].

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament Nru 1782/2003

4. Skont il-premessi 1, 2, 11 sa 14, 16 u 21 tar-Regolament Nru 1782/2003:

"(1) Għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet komuni għall-pagamenti diretti taħt il-varji skemi ta' appoġġ għad-dħul fl-isfond tal-[PAK].

(2) Il-pagament sħiħ ta' għajnuna diretta għandu jkun marbut ma' l-osservanza tar-regoli relatati ma' l-art agrikola, mal-produzzjoni u ma' l-attività agrikola. Dawk ir-regoli għandhom iservu biex jinkorporaw fl-organizzazzjonijiet tas-suq komuni 'standards' dwar l-ambjent, sigurtà ta' l-ikel, saħħa u benesseri ta' l-annimali u kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Jekk dawk in-normi bażiċi mhumiex milħuqa, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-għajnuna diretta totalment jew parzjalment fuq il-bażi ta' kriterji li huma proporzjonali, oġġettivi u gradwali. Dan l-irtirat għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet stabbiliti issa jew fil-futur taħt dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità jew nazzjonali.

[4] Regolament tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-modulazzjoni u tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' verifika li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-[PAK] u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 381/2007 tal-4 ta' April 2007 (ĠU 2007, L 95, p. 8, rettifika fil-ĠU 2009, L 71M, p. 599) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 796/2004").

[5] Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, iktar 'il quddiem is-"sentenza Köbler", EU:C:2003:513). Ara, ukoll, il-ġurisprudenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil qorti nazzjonali, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, iktar 'il quddiem is-"sentenza Traghetti del Mediterraneo", EU:C:2006:391); tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tomášová", EU:C:2016:602); u tad-29 ta' Lulju 2019, Hochtief Solutions Magyarországi Fióktelepe (C-620/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza Hochtief", EU:C:2019:630), kif ukoll id-digrieti tal-15 ta' Ottubru 2019 Hochtief Solutions Magyarországi Fióktelepe u tat-18 ta' Diċembru 2019, Hochtief (C-362/18, EU:C:2019:1100).

[...]

(11) Biex tkun imtejba l-effikaċja u l-utilità tal-mekkaniżmi ta' amministrazzjoni u kontroll, hu neċessarju li tkun adattata s-sistema stabbilita mir-[Regolament (KEE) Nru 3508/92[6]] bil-għan li jkunu nklużi l-iskema ta' pagament uniku [...]. Għandu jkun hemm dispożizzjoni għall-possibilità li jkunu nklużi, iktar 'il quddiem, skemi oħra ta' għajnuna.

(12) Minħabba kontroll effettiv u biex tkun evitata s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet doppji għall-għajnuna lill-aġenziji ta' pagament differenti fi Stat Membru wieħed, kull Stat Membru għandu jistabilixxi sistema waħda li tirreġistra l-identità tal-bdiewa li jkunu ssottomettew applikazzjonijiet għall-għajnuna suġġetti għas-sistema integrata

(13) Il-komponenti varji tas-sistema integrata [ta' amministrazzjoni u ta' kontroll] huma ntenzjonati għall-amministrazzjoni u kontroll iktar effettivi. [...]

(14) Minħabba l-komplessità tas-sistema u n-numru kbir ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna li jridu jiġu pproċessati, huwa neċessarju li jintużaw ir-riżorsi tekniċi u l-metodi ta' amministrazzjoni u kontroll xierqa. B'riżultat ta' dan, is-sistema integrata, f'kull Stat Membru, għandha tinkludi 'data base' kompjuterizzat, sistema ta' identifikazzjoni għall-biċċiet ta' art agrikoli, applikazzjonijet għall-għajnuna għall-bdiewa, sistema armonizzata ta' kontroll u, fl-iskema ta' pagament uniku, sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tad-drittijiet għall-pagament.

[...]

(16) L-identifikazzjoni ta' biċċiet ta' art agrikola hi element kruċjali fl-applikazzjoni korretta ta' l-iskemi marbuta ma' l-'area' tas-superfiċje. L-esperjenza wriet li l-metodi eżistenti għandhom ċerti nuqqasijiet. Għalhekk, għandu jkun hemm dispożizzjoni għat-twaqqif ta' sistema ta' identifikazzjoni, fejn neċessarju, bl-għajnuna ta' 'remote sensing'.

[...]

(21) L-iskemi ta' appoġġ taħt il-[PAK] jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul dirett b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien imparzjali għall-Komunità agrikola. Dan l-għan hu relatat mill-qrib mal-manteniment taż-żoni rurali. Biex tkun evitata l-misallokazzjoni tal-fondi tal-Komunità, l-ebda pagamenti m'għandhom isiru lill-bdiewa li artifiċjalment ħolqu l-kondizzjonijiet mitluba biex jinkisbu tali pagamenti."

5. L-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat "Ambitu", kien jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Kull Stat Membru għandu jistabilixxi sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa is-'sistema integrata'."

[6] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3508/92 tas-27 ta' Novembru 1992 li jistabbilixxi amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 3, Vol. 13, p. 223.

6. L-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament, intitolat "Elementi tas-sistema integrata", kien jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Is-sistema integrata għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) 'data base' kompjuterizzat,

(b) sistema ta' identifikazzjoni tal-biċċiet ta' art agrikola,

(ċ) sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament kif imsemmija fl-Artikolu 21,

(d) applikazzjonijiet għall-għajnuna,

(e) sistema integrata ta' kontroll,

(f) sistema waħda biex tkun irreġistrata l-identità ta' kull bidwi li jissottomentti applikazzjoni għall-għajnuna."

7. L-Artikolu 19 tal-imsemmi regolament, intitolat "'Data base' kompjuterizzat", kien jippreċiża, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Id-'data base' kompjuterizzat għandu jirreġistra, għal kull ażjenda agrikola, id-'data' miskuba mill-applikazzjonjiet għall-għajnuna.

Din il-bażi ta' data għandha, b'mod partikolari, tippermetti l-konsultazzjoni diretta u immedjata, permezz ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, tad-data relatata mas-snin tal-kalendarju u/jew tal-bejgħ kummerċjali li jibdew mis-sena 2000 u, għall-għajnuna mogħtija taħt il-Kapitolu 10b tat-Titolu IV, mill-1 ta' Mejju1998."

8. L-Artikolu 20 tal-istess regolament Nru 1782/2003, intitolat "Sistema ta' identifikazzjoni għall-pakketti agrikoli", kien jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Is-sistema ta' identifikazzjoni għall-pakketti agrikoli għandha tiġi stabbilita fuq bażi tad-dokumenti tal-mapep jew tar-reġistrazzjoni ta' l-art jew fuq referenzi oħra kartografiċi. Għandhom jiġu użati metodi ta' teknika ta' sistemi kompjuterizzati ta' informazzjoni ġeografika preferibbilment li jkunu jinkludu l-orto-ritratti mill-ajru u mill-ispazju, bi standard omoġenju li jiggaratixxi preċiżjoni li tkun ta' l-anqas ekwivalenti għall-kartografija bi skala ta' 1:10000."

9. L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat "Sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament", kien ifformulat kif ġej:

"1. Is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament għandha tkun stabbilita b'mod li jista' ikun hemm verifikazzjoni tad-drittjiet u 'cross-checks' ma' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u s-sistema ta' identifikazzjoni tal-biċċiet ta' art agrikoli.

2. Is-sistema għandha tippermetti, permezz ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, konsultazzjoni diretta u immedjata tad-'data' relatata mill-inqas ma' l-aħħar tlett snin kalendarji konsekuttivi u/jew snin ta' 'marketing'."

10. L-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament, intitolat "Applikazzjonijiet għall-għajnuna", kien jistabbilixxi:

"1. Kull sena, bidwi għandu jissottometti applikazzjoni għall-pagamenti diretti suġġetti għas-sistema integrata, li tindika, fejn hu applikabbli:

– il-biċċiet kollha ta' art agrikoli ta' l-ażjenda,

[...]

2. Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-applikazzjoni għall-għajnuna tkun tinħtieġ biss l-inklużjoni ta' tibdiliet rigward l-applikazzjoni għall-għajnuna li tkun ġiet sottomessa is-sena ta' qabel. Stat Membru għandu jqassam formoli stampati minn qabel li jkunu ibbażati fuq iż-żoni stabbiliti fis-sena ta' qabel u jforni materjal grafiku li jindika l-lok ta' dawk iż-żoni u, fejn xieraq, il-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ.

[...]"

2. Ir-Regolament Nru 796/2004

11. Skont il-premessi 11, 13, 17, 36, 55 sa 58 u 67 tar-Regolament Nru 796/2004:

"(11) Sabiex tingħata kontribuzzjoni għall-interess finanzjarju tal-Komunità għandu jiġi prevedut li l-ħlasijiet taħt ir-[Regolament Nru 1782/2003] jistgħu jsiru biss malli jiġu finalizzati l-verifiki fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibilità.

[...]

(13) Għar-raġuni ta' kontrolli effettivi, kul tip ta' żona wżata u l-iskemi ta' għajnuna konċernati għandhom jiġu dikjarati f'dak iż-żmien. Għalhekk, għandha ssir dispożizzjoni għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni waħdiena għall-għajnuna li tkun tikkomprendi kull applikazzjonijiet għall-għajnuna li b'xi mod ikunu relatati maż-żona.

[...]

(17) Bil-ħsieb tas-simplifikazzjoni taal-proċeduri ta' l-applikazzjoni u skond l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandha ssir, f'dan il-kuntest, dispożizzjoni għall-Istati Membri li jipprovdu lill-bdiewa sa fejn hu posibbli b'informazzjoni stampata minn qabel.

[...]

(36) Il-verifika fuq il-post ta' żoni, b'regola ġenerali, jikkonsistu f'żewġ partijiet, bl-ewwel waħda tkun tirrelata mal-verifikazzjonijiet u l-kejl tal-pakketti agrikoli dikjarati fuq il-bażi ta' materjal grafiku, fotografija mill-ajru u simili. It-tieni parti tikkonsisti fi spezzjoni fiżika tal-pakketti biex jiġi verifikat id-daqs attwali tal-pakketti agrikoli dikjarati u, skond l-iskema ta' għajnuna in kwistjoni, l-uċuh tar-raba dikjarati u l-kwalità tagħhom. Fejn meħtieġ kejl għandu jitwettaq. L-ispezzjoni fiżika fuq il-post tista' titwettaq fuq il-bażi ta' kampjun.

[...]

(55) Biex jiġu protetti effettivament l-interessi finanzjarji tal-Komunità għandhom jiġu adottati miżuri adegwati għall-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u l-frodi. Għandhom isiru dispożizzjonijiet separati fil-każi ta' irregolaritajiet misjuba fir-rigward talk-kriterji ta' eliġibilita għall-iskemi differenti konċernati ta' għajnuna.

(56) Is-sistema ta' tnaqqis u esklużjonijiet maħsuba fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward tal-konformità mal-obbligi iżda tħares lejn miri differenti, jiġifieri biex tistabbilixxi inċentiv għall-bdiewa li jħarsu l-leġislazzjoni, diġà eżistenti, fl-oqsma differenti tal-konformità.

(57) It-tnaqqis u l-esklużjonijiet għandhom jiġu stabbiliti wara li jingħata kont tal-prinċipju tal-proporzjonalità u, fil-każ ta' kriterji ta' eliġibilità, il-problemi speċjali marbuta ma' każi ta' forza maġġuri kif ukoll ċirkostanzi eċċezjonali u naturali. Fil-każ ta' obbligi ta' konformità it-tnaqqis u l-esklużjonijiet jistgħu jiġu biss applikati fejn il-bidwi jkun aġixxa bi traskuraġni jew xjentement. It-tnaqqis u l-esklużjonijiet għandhom jiġi gradati skond il-gravità u l-irregolarità kommessa u jistgħu jwasslu sal-esklużjoni totali minn skema waħda jew diversi ta' għajnuna għal perjodu speċifiku. Dawn għandhom, fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibilità, jagħtu kont tal-karatteristiċi tal-iskemi varji ta' għajnuna.

(58) B'relazzjoni ma' l-applikazzjonijiet ta' għajnuna taż-żona, l-irregolaritajiet normalment jeffettwaw partijiet taż-żona. Dikjarazzjonijiet biż-żejjed fir-rigward ta' pakkett wieħed jistgħu, għalhekk, jiġu paċuti kontra dikjarazzjonijiet bin-nieqes ta' pakketti oħra tal-istess grupp ta' uċuh tar-raba. Fi ħdan ċertu limitu ta' tolleranza għandu jiġi prevvist li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jkunu biss ġustifikati għaż-żona attwalment stabbilita u t-tnaqqis għandu jibda jgħodd malli din il-marġini tinqabeż.

[...]

(67) It-tnaqqis u l-esklużjonijiet fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibilità għandhom, bħala regola ġenerali, ma japplikaw għal bidwi li jkun bagħat informazzjoni fattwalment korretta jew fejn ikun jista' jipprova mod ieħor li ma għandux tort."

12. L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004, intitolat "Tifsiriet", kien jippreċiża dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tifsiriet li ġejjin għandhom jgħoddu:

[...]

(22) 'Żona stabbilita': għandha tfisser iż-żona li dwarha jkunu tħarsu l-kondizzjonijiet kollha preskritti fir-regoli għall-għoti ta' l-għajnuna; fil-każ ta' l-iskema ta' ħlas waħdieni, iż-żona dikjarata tista' titqies biss bħala li tkun stabbilita jekk tkun akkumpanjata b'numru li jikkorrispondi ta' drittijiet għall-ħlas;

[...]

(25) 'Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika' (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjħa 'GIS'): għandha tfisser it-teknika tas-sistema komputerizzata ta' informazzjoni ġeografika msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament [Nru 1782/2003];

[...]

(27) ‘Materjal grafiku’: għandha tfisser mappi u dokumenti oħra wżati biex jiġi komunikat il-kontenut tal-GIS bejn l-applikanti għall-għajnuna u l-Istati Membri;

[...]”

13. L-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 796/2004, intitolat “Identifikazzjoni ta’ pakketti agrikoli”, kien ifformulat bil-mod segwenti, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Is-sistema ta’ identifikazzjoni għall-pakketti agrikoli msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament [Nru 1782/2003] għandha topera fil-livell ta’ pakkett ta’ referenza bħal pakkett katastali, jew blokka ta’ produzzjoni li għandha tiżgura identifikazzjoni unika għal kull pakkett ta’ referenza.

L-Istati Membri jistgħu, madanakollu, jiżguraw li l-pakketti ta’ art ikunu identifikati b’mod ta’ min jorbot fuqu u għandhom b’mod partikolari jeħtieġu l-applikazzjoni waħdiena li tintbagħat bid-dettalji jew akkumpanjata bid-dokumenti speċifikati mill-awtorità kompetenti li jippermettu li kull pakkett ta’ art jiġi lokat u mkejjel. Il-GIS għandu jopera fuq il-bażi ta’ sistema nazzjonali ġeodetika.”

14. B’konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 796/2004, intitolat “Kontenut ta’ applikazzjoni waħdiena”:

“1. L-applikazzjoni waħdiena għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita l-eliġibilità għall-għajnuna, b’mod partikolari:

[...]

(d) dettalji li jippermettu l-identifikazzjoni tal-pakketti agrikoli kollha tal-azjenda, id-daqs tagħhom espress f’ettari sa żewġ punti deċimali, il-lokazzjoni tagħhom u, fejn japplika, l-użu tagħhom u jekk il-pakkett agrikolu huwiex saqwi;

[...]

3. Għall-għan tal-identifikazzjoni tal-meded agrikoli kollha fl-azjenda msemmija fil-paragrafu 1(d), il-formoli stabbiliti minn qabel imqassma lill-bidwi skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament [Nru 73/2009] għandhom isemmu ż-żona massima eliġibbli għal kull medda ta’ referenza għall-għanijiet tal-iskema ta’ ħlas uniku jew tal-iskema ta’ ħlas uniku skont iż-żona. B’żieda, il-materjal grafiku pprovdut lill-bidwi skond l-istess dispożizzjoni għandu jindika l-konfini tal-pakketti ta’ referenza u l-identifikazzjoni unika tagħhom u l-bidwi għandu jindika l-lok ta’ kull pakkett agrikolu.

[...]

4. Meta tiġi sottomessa l-formola ta’ l-applikazzjoni, il-bidwi għandu jikkorreġi l-formola stampata minn qabel imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 jekk saru xi emendi, partikolarment trasferimenti ta’ drittijiet tal-pagament bi qbil ma’ l-Artikolu 46 tar-Regolament [Nru 1782/2003], jew jekk xi informazzjoni inkluża fil-formoli stampati minn qabel hija żbaljata.

Jekk il-korrezzjoni għandha x’taqsam mad-daqs taż-żona, il-bidwi għandu jindika d-daqs attwali taż-żona konċernata. [...]”

15. L-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 796/2004, intitolat "Emendi għall-applikazzjonijiet waħdiena", kien jistabbilixxi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"[...]

3. Fejn l-awtorità kompetenti tkun ġiġà infurmat lill-bidwi b'irregolaritajiet fl-applikazzjoni waħdiena jew fejn din tkun tat avviż lill-bidwi bil-ħsieb tagħha li twettaq verifika fuq il-post u fejn dik il-verifika fuq il-post tikxef irregolaritajiet, l-emendi skond il-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu awtorizzati fir-rikward tal-pakketti agrikoli affettwati mill-irregolaritajiet."

16. L-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament, intitolat "Simplifikazzjoni ta' proċeduri", kif ifformulat bil-mod segwenti, fil-punt (ċ) tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-Regolament jew fir-Regolament [Nru 1782/2003], l-Istati Membri jistgħu jippermettu jew jeħtieġu li kull tip ta' komunikazzjonijiet skond dan ir-Regolament kemm mill-bidwi lill-awtoritajiet u l-kuntrarju jintgħamlu b'mezzi elettroniċi. F'dak il-każ, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat b'mod partikolari li:

[...]

(ċ) id-data trasmessa tkun ta' min jorbot fuqha bil-ħsieb tal-immaniġġar kif imiss tal-iskema ta' għajnuna konċernata; fejn isir użu mid-data li tinsab fid-database komputerizzata għall-annimali bovini, dik id-database għandha toffri l-livell tal-assigurazzjoni u l-implimentazzjoni meħtieġa għall-immaniġġar kif imiss tal-iskemi ta' għajnuna nvoluti."

17. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 796/2004, intitolat "Aġġustamenti ta' żbalji ovvji":

"Mingħajr preġuddizzju għall-Artikoli 11 sa 18, applikazzjoni għall-għajnuna tista' tiġi aġġustata f'kull żmien wara li tintbagħat, fil-każi ta' żbalji ovvji rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti."

18. L-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament, intitolat "Irtirar ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna", kien jipprevedi:

"1. Applikazzjoni għall-għajnuna tista' tiġi rtirata kollha kemm hi jew parzjalment f'kull żmien bil-miktub.

[...]

2. L-irtira skond il-pargarafu 1 għandho jqiegħed lill-applikant fl-istess pożizzjoni li kien fiha qabel ma bagħat l-applikazzjoni għall-għajnuna jew il-parti tal-applikazzjoni għall-għajnuna in kwistjoni."

19. L-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament, intitolat "Verifiki", kien ifformulat bil-mod segwenti, fil-paragrafu 1(ċ) tiegħu:

"Il-verifiki amministrattivi msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament [Nru 1782/2003] għandhom jippermettu l-kxif ta' irregolaritajiet, b'mod partikolari l-kxif awtomatizzat bl-użu ta' mezzi komputerizzati, inklużi verifiki reċiproċi:

[...]

(ċ) bejn il-pakketti garikoli kif dikjarati fl-applikazzjoni waħdiena u l-pakketti ta' referenza kif jinsabu fis-sistema ta' identifikazzjoni għall-pakketti agrikoli biex tiġi verifikata l-eliġibilità għall-għajnuna taż-żoni bħala tali."

20. Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 796/2004, intitolat "Stabbiliment ta' żoni":

"1. Iż-żoni ta' pakketti agrikoli għandhom jiġu stabbiliti b'kull mezz xieraq imfisser mill-awtorità kompetenti li jiżguraw kejl ta' preċiżjoni ta' l-anqas ekwivalenti għal dak meħtieġ għall-kejl uffiċjali taħt ir-regoli nazzjonali. [...]

[...]

4. L-eliġibilità ta' pakketti agrikoli għandha tkun verifikata b'kull mezz adattat. Għal dak il-għan, għandha tintalab prova addizzjonali fejn meħtieġ."

21. L-Artikolu 51 ta' dan ir-regolament, intitolat "Tnaqqis u esklużjonijiet fil-każ ta' dikjarazzjoni biż-żejjed", kien jindika, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Jekk, minħabba grupp ta' wiċċ tar-raba, iż-żona ddikjarata għall-għanijiet ta' kwalunkwe skemi ta' appoġġ marbuta maż-żona, minbarra għal-lamtu tal-patata, iż-żerriegħa u t-tabakk kif hemm provvediment għalihom fil-Kapitoli 6, 9 u 10c rispettivament tat-Titolu IV tar-Regolament [Nru 1782/2003], taqbeż iż-żona determinata skond l-Artikolu 50(3), (4) u (5) ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għandha tkun ikkalkulata fuq il-bażi taż-żona determinata mnaqqsa bid-differenza li nstabet għal darbtejn jekk dik id-differenza hija iżjed minn jew 3 % jew żewġ ettari, imma mhux iżjed minn 20 % taż-żona determinata.

Jekk id-differenza tkun ta' iktar minn 20 % taż-żona stabbilita, ma għandha tingħata l-ebda għajnuna marbuta maż-żona għall-grupp ta' uċuħ tar-raba' kkonċernat."

22. L-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2003, intitolat "Eċċezzjonijiet mill-applikazzjoni tat-tnaqqis jew esklużjonijiet", kien jipprovdi, fil-paragrafu 1 u fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 tiegħu:

"1. It-tnaqqis u l-esklużjonijiet li hemm provvediment dwarhom fil-Kapitolu I ma għandhomx jgħoddu fejn il-bidwi jkun bagħat informazzjoni fattwalment korretta jew fejn ikun jista' juri mod ieħor li ma jkollux tort.

2. [...]

L-informazzjoni mogħtija mill-bidwi kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkollha l-effett li l-applikazzjoni għall-għajnuna tiġi aġġustata għas-sitwazzjoni attwali."

3. Ir-Regolament (KE) Nru 1973/2004

23. Ir-Regolament (KE) Nru 1973/2004[7] kien jinkludi Artikolu 138, intitolat "Tnaqqis u esklużjonijiet b'referenza għal kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà", li kien ifformulat kif ġej, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Minbarra f'każijiet ta' xi forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali kif iddefiniti mill-Artikolu 72 tar-Regolament [Nru 796/2004], fejn, b'riżultat ta' kontroll amministrattiv jew fuq il-post, jinstab li d-differenza stabbilita bejn l-erja ddikjarata u l-erja ddeterminata, skond it-tifsira tal-punt (22) ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament [Nru 796/2004], tkun aktar minn 3 % imma mhux aktar minn 30 % ta' l-erja ddeterminata, l-ammont li jrid jingħata taħt l-iskema ta' pagament wieħed skond l-erja għandu jitnaqqas, għas-sena kkonċernata, bid-differenza li tinstab għal darbtejn.

Jekk id-differenza tkun ta' aktar minn 30 % ta' l-erja ddeterminata, ma tingħata ebda għajnuna għas-sena kkonċernata.

[...]"

B. Id-dritt Rumen

24. L-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 125/2006 pentru aprobarea schemelor de plăți directe și plăți naționale directe complementare, care se acordă în agricultură începând cu anul 2007, și pentru modificarea articolului 2 din Legea nr. 36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură (id-Digriet b'Urġenza tal-Gvern Nru 125/2006 li Japprova Skemi ta' Pagamenti Diretti u ta' Pagamenti Diretti Nazzjonali Supplimentari, Mogħtija fil-Qasam tal-Agrikoltura sa mis-Sena 2007, u li Jemenda l-Liġi Nru 36/1991 dwar il-Kumpanniji Agrikoli u Forom Oħra ta' Assoċjazzjoni fl-Agrikoltura), tal-21 ta' Diċembru 2006 (iktar 'il quddiem l-"OUG Nru 125/2006")[8], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kien jistabbilixxi fl-Artikolu 3(1)(g) tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan id-digriet b'urġenza, it-termini segwenti jfissru dan li ġej:

[...]

g) Sistema ta' identifikazzjoni ta' artijiet agrikoli – komposta mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll li tinkludi applikazzjonijiet informatiċi bbażati fuq ritratti meħuda mill-ajru, mapep, dokumenti tar-reġistri tal-artijiet jew referenzi kartografiċi oħra. It-tekniki użati għandhom ikunu bbażati fuq sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni ġeografika li tiżgura l-identifikazzjoni unika ta' kull blokk fiżiku, li preferibbilment tinkludi ritratti mill-ajru jew satellitari, b'regoli omoġenji li jiżguraw preċiżjoni tal-inqas ugwali għal dik tal-kartografija bi skala 1:10 000 u li tippermetti l-identifikazzjoni ġewwa blokok fiżiċi tal-artijiet agrikoli fl-applikazzjonijiet għal għajnuna. Iż-żoni rreġistrati fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-artijiet jikkostitwixxu r-referenza għall-proċess ta' kontroll u għat-twettiq ta' pagamenti."

[7] Regolament tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-[Regolament Nru 1782/2003] għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskemi ta' appoġġ li hemm provvediment għalihom fit-Titoli IV u IVa ta' dak ir-Regolament u l-użu ta' art imwarrba [art imserrħa] għall-produzzjoni ta' materja prima (ĠU 2008, L 330M, p. 58).

[8] *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 1043, tad-29 ta' Diċembru 2006.

25. L-Artikolu 7(1)(b) u (c) tal-OUG Nru 125/2006 kien jipprevedi:

"Sabiex jibbenefikaw minn pagamenti skont l-iskemi ta' pagament uniku għas-superfiċi, l-applikanti għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru tal-bdiewa amministrat mill-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură (l-Aġenzija ta' Pagament u ta' Intervent għall-Agrikoltura, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem l-"APIA"), jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom fit-termini u josservaw il-kundizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

[...]

b) jiddikjaraw l-artijiet agrikoli kollha;

c) jipprovdu, taħt piena ta' sanzjoni kriminali, informazzjoni vera, sħiħa u totalment valida fil-formola ta' applikazzjoni għal pagament dirett għas-superfiċi u fid-dokumenti annessi, inkluż il-lista ta' superfiċi."

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26. Fl-14 ta' Mejju 2007, BX, bidwi Rumen, ressaq quddiem l-APIA – Centrul Județean Argeș (l-APIA – Ċentru Dipartimentali ta' Argeș, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem l-"APIA ta' Argeș") applikazzjoni, għas-sena 2007, skont l-iskemi ta' pagament uniku għas-superfiċi u ż-żoni agrikoli żvantaġġati. Din l-applikazzjoni kienet tindika superfiċi agrikoli totali ta' 264.71 ettari (ha), li kienet komposta minn diversi artijiet, li BX kien iddetermina u identifika s-superfiċi rispettivi tagħhom permezz ta' mapep topografiċi pprovduti mill-APIA ta' Argeș. Fost dawn l-artijiet kien hemm superfiċi ta' 129.09 ha fil-lokalità ta' Rucăr (ir-Rumanija).

27. Fl-20 ta' Ottubru 2007, wara li kkonstatat, wara kontroll amministrattiv, li xi persuni oħra kienu resqu bħala kandidati għal ċerti superfiċi ddikjarati minn BX, l-APIA ta' Argeș talbet kjarifiki f'dan ir-rigward.

28. Fit-28 ta' Novembru 2007, BX u r-rappreżentanti ta' dawn il-persuni kkonċernati l-oħra stabbilixxew is-superfiċi maħduma minn kull bidwi u, b'mod partikolari, ippreċiżaw li, fir-rigward tal-lokalità ta' Rucăr, BX kien juża biss 45 ha mill-129.09 ha li kien iddikjara fl-applikazzjoni inizjali tiegħu.

29. Fl-istess jum, BX issottometta l-formola M.1.1, intitolata "Emenda tad-dikjarazzjoni ta' żoni" (iktar 'il quddiem il-"formola M.1.1") lill-APIA ta' Argeș, sabiex jikkoreġi ż-żona ddikjarata fl-applikazzjoni inizjali tiegħu, billi ddikjara, għal-lokalità ta' Rucăr, żona ta' 45 ha minflok 129.09 ha. Huwa ssottometta wkoll dikjarazzjoni miktuba bl-idejn li tispjega li d-diskrepanza bejn id-dikjarazzjoni inizjali tiegħu u dik emendata kienet tirriżulta, minn naħa, mill-identifikazzjoni żbaljata tal-limiti tal-muntanja ta' Găinațu Mic fil-massif Iezer-Păpușa (ir-Rumanija), minħabba l-assenza ta' indikaturi fil-mapep topografiċi mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu mill-APIA ta' Argeș, u min-naħa l-oħra, mid-differenza bejn iż-żona indikata fil-kuntratt ta' kiri (jiġifieri, 210 ha), li kienet inqas mis-superfiċi tal-muntanji realment maħduma, u t-total taż-żoni ta' żewġ blokok fiżiċi li kienu jikkostitwixxu din il-muntanja [9].

[9] Dawn iż-żewġ raġunijiet b'hekk kienu wasslu għal dikjarazzjonijiet żejda, rispettivament, ta' 52 ha u ta' 33 ha meta mqabbla maż-żona inizjalment iddikjarata rigward il-lokalità ta' Rucăr.

30. Permezz ta' nota sottomessa lill-APIA ta' Argeș u rreġistrata fil-15 ta' Mejju 2008, BX indikalha li kellha tirrevoka l-formola M.1.1, peress li l-irtirar taż-żona ta' 84.09 ha permezz ta' din il-formola kien sar b'mod żbaljat, peress li, waqt il-preżentazzjoni ta' din il-formula, BX ma kienx jaf bil-fatt li l-limiti tal-lokalità ta' Rucăr kienu ġew irreġistrati b'mod żbaljat fuq il-mapep topografiċi tal-APIA ta' Argeș, li huwa skopra biss iktar tard, jiġifieri fil-bidu tax-xahar ta' Mejju 2008.

31. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Mejju 2008, l-APIA ta' Argeș ikkunsidrat li BX kien għamel dikjarazzjoni inizjali ta' żona ta' iktar minn 46.56 % mir-realtà, u konsegwentement, ċaħdet l-applikazzjoni tiegħu għal pagament abbażi tal-Artikolu 138(1) tar-Regolament Nru 1973/2004.

32. BX adixxa lit-Tribunalul București (il-Qorti tal-Kontea ta' Bukarest, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem it-"TGI ta' Bukarest") b'rikors intiż sabiex jikseb, b'mod partikolari, l-annullament ta' din id-deċiżjoni u l-kundanna tal-APIA ta' Argeș sabiex tħallsu s-somma ta' EUR 697 391 bħala kumpens għad-dannu li huwa jqis li ġarrab minħabba ċ-ċaħda illegali tal-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna fir-rigward tas-sena 2007. Fil-fehma tiegħu, id-dikjarazzjoni żejda allegata kienet, fir-realtà, imputabbli lill-APIA ta' Argeș li kienet ipprovdietlu mapep topografiċi insuffiċjentement preċiżi u mhux konformi mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003, li huwa ddikjara li seta' juri permezz ta' dokumenti, xhieda u survey topografiku. Konsegwentement, peress li ma kellux "tort", ebda tnaqqis jew esklużjoni mill-għajnuna ma kellhom jiġu applikati għalih, b'konformità mal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004. Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Jannar 2011, it-TGI ta' Bukarest ċaħdet dan ir-rikors [10].

33. BX appella kontra din is-sentenza quddiem il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), il-qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza. Fil-kuntest ta' dan l-appell, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, BX ressaq talba sabiex tiġi adita l-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE għall-finijiet ta' deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68(1) u (2) tar-Regolament Nru 796/2004. Waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, BX ippreċiża li l-imsemmi appell kien jinkludi wkoll talba sabiex tiġi adita l-Qorti tal-Ġustizzja b'talba deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1) tal-imsemmi Regolament Nru 1782/2003.

34. Permezz ta' digriet tat-2 ta' April 2012, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), qabelxejn, ċaħdet din it-talba, għar-raġuni li l-elementi mressqa minn BX "ma kinux jeħtieġu" li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE.

35. Imbagħad, permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' April 2012, din il-qorti ċaħdet l-appell ta' BX bħala infondat. Fil-fatt, hija kkunsidrat li d-deċiżjoni tat-28 ta' Mejju 2008 tal-APIA ta' Argeș kienet iġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 138(1) tar-Regolament Nru 1973/2004, peress li BX kien għamel dikjarazzjoni żejda taż-żona li huwa kien juża, u din id-dikjarazzjoni żejda kienet ta' iktar minn 30 %. Permezz tal-preżentazzjoni tal-formola M.1.1, sabiex jikkoreġi d-dikjarazzjoni inizjali tiegħu, BX kien ammetta li l-iżball kien jinsab fid-dikjarazzjoni inizjali tiegħu u mhux f'dik tar-rappreżentant li mingħandu l-applikant kien kera l-art. Barra minn hekk, kemm id-dikjarazzjoni inizjali kif ukoll dik li temenda ż-żona kienu saru abbażi tal-istess mapep tal-APIA ta' Argeș, b'tali mod li l-ġustifikazzjoni tad-dikjarazzjoni żejda abbażi ta' żbalji f'dawn il-mapep ma kinitx fondata.

[10] Din il-qorti, qieset, essenzjalment, li kien hemm dikjarazzjoni żejda taż-żona peress li BX kien ġie informat, fid-dawl tal-kuntratt ta' kiri u tal-att ta' bejgħ tiegħu, li s-superfiċi tal-art f'dawn l-atti kienet ta' 211.06 ha u mhux ta' 264.71 ha kif kien iddikjara inizjalment.

36. L-imsemmija qorti qieset ukoll li huwa min jaħdem art li kellu jsemmi ż-żona reali tagħha fl-applikazzjoni għal pagamenti diretti għas-superfiċi, mingħajr ma jibbaża fuq iż-żona li tinsab fit-titolu ta' proprjetà ta' din l-art. Għalhekk, l-ineżattezza tal-mapep topografiċi tal-APIA ta' Argeș ma tistax tiġġustifika l-istima eċċessiva magħmula minn BX taż-żoni li huwa kien juża, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-obbligu previst fl-Artikolu 7(1)(c) tal-OUG Nru 125/2006 li tiġi rreġistrata, taħt piena ta' sanzjonijiet kriminali, informazzjoni vera, sħiħa u totalment valida fil-formola tal-imsemmija applikazzjoni.

37. Barra minn hekk, peress li kemm id-dikjarazzjoni inizjali kif ukoll il-formola M.1.1. kienu ġew sottomessi abbażi tal-istess mapep li tal-APIA ta' Argeș, id-dikjarazzjoni żejda ma tistax tiġi ġġustifikata mill-iżbalji li jistgħu jivvizzjaw dawn il-mapep. Peress li dawn ma kinux jinkludu elementi suffiċjenti sabiex jippermettu identifikazzjoni korretta tas-superfiċi, BX kellu jieħu miżuri addizzjonali sabiex jistabbilixxi s-superifiċi eżatti li huwa kien juża sabiex jevita kwalunkwe dikjarazzjoni żejda. Skont l-istess qorti, l-ineżattezzi fil-mapep tal-APIA ta' Argeș setgħu jwasslu għal identifikazzjoni żbaljata taż-żoni fir-rigward tal-lokalizzazzjoni tagħhom fuq il-mappa, iżda fl-ebda każ għal dikjarazzjoni żejda taż-żona b'perċentwal li jammonta għal 46.56 %.

38. Barra minn hekk, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) qieset il-formola M.1.1 bħala rtirar parzjali ta' żona li għaliha kien japplika l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 796/2004. Madankollu, peress li BX kien ressaq it-talba tiegħu għall-irtirar wara li rċieva t-talba ta' kjarifika mill-APIA ta' Argeș, l-Artikolu 15(3) ta' dan ir-regolament kien jipprekludi li huwa seta' jkun eżentat mill-applikazzjoni tas-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 51 tal-imsemmi regolament. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni ta' BX li tipprovdi li n-nota tiegħu tal-15 ta' Mejju 2008 kellha l-effett li tirrevoka d-dikjarazzjoni ta' rtirar tat-28 ta' Novembru 2007 ma tistax tiġi sostnuta. Fil-fatt, l-istess regolament ippermetta r-revoka mhux ta' talba għall-irtirar ta' art, iżda biss l-irtirar ta' żoni.

39. Din il-qorti qieset ukoll li s-sitwazzjoni ta' BX lanqas kienet taqa' fil-każijiet previsti fl-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004. Fil-fatt, BX kien inizjalment iddikjara żona totali ta' 264.71 ha, qabel ma neħħa żona ta' 84.09 ha, minkejja li ma kienx hemm bidla fis-sitwazzjoni tal-art. Għalhekk, huwa ma kienx ippreżenta informazzjoni fattwalment korretta.

40. Billi kkunsidrat li ċ-ċaħda tat-talba għad-danni ta' BX kienet tirriżulta mhux mill-inkapaċità li jiġi pprovat id-dannu materjali mġarrab, iżda miċ-ċaħda tal-azzjoni prinċipali, l-imsemmija qorti qieset, finalment, li ma kienx neċessarju li tiġbor xhieda. Bl-istess mod, peress li t-TGI ta' Bukarest ikkonstatat dikjarazzjoni żejda bbażata fuq l-irtirar ta' superfiċi minn BX, survey topografiku lanqas ma kien jidher utli.

41. Fit-8 ta' April 2013, BX adixxa lil din l-aħħar qorti, din id-darba, b'rikors intiż sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat Rument għad-danni materjali u morali kkawżati mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) fid-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' April 2012, billi sostna li din, minn naħa, li ma kinitx applikat, b'mod partikolari, l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003 kif ukoll l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004, u min-naħa l-oħra, kienet kisret it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE billi kisret l-obbligu tagħha li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari u billi naqset milli timmotiva r-rifjut tagħha li tressaq tali talba.

42. Permezz ta' sentenza tal-1 ta' Lulju 2016, it-TGI ta' Bukarest ċaħdet ir-rikors ta' BX bħala infondat.

43. Din il-qorti kkunsidrat li l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma kienx jagħti lil individwi drittijiet li l-ksur tagħhom jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat, peress li huwa kien jirregola l-mod ta' identifikazzjoni tal-artijiet agrikoli, kif ukoll il-karatteristiċi li għandu jkollhom il-pjanti u d-dokumenti tar-reġistru tal-artijiet użati f'dan ir-rigward, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet komuni għall-pagamenti diretti skont skemi ta' għajnuna differenti li jaqgħu taħt il-PAK. F'dan ir-rigward, id-dritt għall-informazzjoni invokat minn BX, mifhum bħala d-dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni użata sabiex tinkiseb l-għajnuna mitluba u sabiex tiġi identifikata korrettament l-art ikkonċernata, huwa dritt ġenerali li jista' jiġi rrikonoxxut mill-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu kundizzjonijiet dwar il-funzjonament ta' mekkaniżmu partikolari.

44. Mill-banda l-oħra, skont l-imsemmija qorti, l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004 joħloq b'mod ċar drittijiet fir-rigward tal-individwi. Minn dan, hija ddeduċiet li l-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) kienet kisret din id-dispożizzjoni, l-ewwel nett, billi ma ddeterminatx it-tifsira tal-kliem "informazzjoni fattwalment korretta", peress li ma humiex iddefiniti fl-att, it-tieni nett, billi kkonkludiet li din id-dispożizzjoni ma kinitx tapplika għal BX abbażi biss ta' dokumenti li joriġinaw mid-deċiżjoni tal-APIA ta' Argeș u għalhekk billi injorat id-dokumenti l-oħra prodotti minn BX, u t-tielet nett, billi lanqas ma tagħtu l-possibbiltà li jipproduċi l-provi kollha sabiex juri li huwa ma kienx instab ħati ta' dikjarazzjoni żejda.

45. Madankollu, abbażi tal-elementi msemmija fil-punti 55 u 56 tas-sentenza Köbler, it-TGI ta' Bukarest qieset li l-ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) ma kellux natura manifesta li tista' tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat.

46. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-"livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni", it-TGI ta' Bukarest irrilevat li l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004 kien ċar sa fejn huwa jirregola d-dritt tal-bidwi li jkun eżentat mis-sanzjoni ta' tnaqqis tal-għajnuna jew ta' esklużjoni mid-dritt fiż-żewġ sitwazzjonijiet li huwa jsemmi u sa fejn huwa jobbliga indirettament lill-qorti li quddiemha hija invokata l-applikabbiltà ta' waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet li teżamina jekk din l-eċċezzjoni hijiex fondata jew le.

47. Fit-tieni lok, fir-rigward tan-"natura skużabbli jew mhux skużabbli" tal-iżball ta' liġi, fid-dritt Rumen, dan, ma jistax jiġi invokat fil-preżenza ta' dispożizzjonijiet legali aċċessibbli u prevedibbli, li jinkludu d-dispożizzjonijiet ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif ukoll is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja. Issa, f'dan il-każ, peress li l-Artikolu 68 ta' dan ir-regolament kien għadu ma kienx is-suġġett ta' interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-inkapaċità tal-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) li tinterpreta korrettament din id-dispożizzjoni ma tistax tikkostitwixxi żball mhux skużabbli.

48. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-"pożizzjoni meħuda minn istituzzjoni tal-Unjoni", it-TGI ta' Bukarest irrilevat li, ċertament, il-Kummissjoni Ewropea allegat, diversi drabi, li l-leġiżlazzjoni Rumena ma tiżgurax l-effettività ta' kontroverifiki amministrattivi. B'mod partikolari, hija enfasizzat, fil-kuntest tal-investigazzjoni tagħha nru AA/2008/24[11], li sistema kartografika inkorretta twassal għal-lokalizzazzjoni ħafna drabi inkorretta tal-artijiet agrikoli mill-bdiewa, b'tali mod li dawn isibu ruħhom ippenalizzati jew ma jirċevux l-għajnuna tagħhom. Madankollu, tali teħid ta' pożizzjoni ma jistax ikun suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li istituzzjoni tal-Unjoni stabbilixxiet in-natura manifesta tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, sabiex tiġi stabbilita tali natura manifesta, il-pożizzjoni meħuda għandha tirrigwarda l-applikazzjoni tar-regola miksura.

[11] Ara, f'dan ir-rigward, l-investigazzjoni mwettqa fil-Kawża Nru 44537/3/2008.

Madankollu, f'dan il-każ, it-teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni ma kienx jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004, iżda l-mod li bih is-sistema ta' lokalizzazzjoni tal-artijiet agrikoli kienet applikata mill-APIA ta' Argeș.

49. Fir-raba' lok, fir-rigward tan-"natura deliberata tal-ksur", il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) ma kisirx id-dritt tal-Unjoni b'mod intenzjonat jew manifest. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-okkażjoni li tinterpreta l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004, din il-qorti tal-appell esponiet ir-raġunijiet li għalihom hija qieset, minn naħa, li ma kienx neċessarju li taċċetta l-provi addizzjonali mitluba minn BX, u min-naħa l-oħra, li dan l-Artikolu 68 ma kellux japplika fil-kawża prinċipali.

50. Fil-ħames u l-aħħar lok, it-TGI ta' Bukarest irrilevat li n-nuqqas ta' osservanza tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE ma jistax, minnu nnifsu, jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat, peress li din id-dispożizzjoni ma tagħtix drittijiet lil individwi. Fi kwalunkwe każ, fid-digriet tagħha tat-2 ta' April 2012, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) kienet, ċertament, illimitat ruħha li tiġġustifika r-rifjut tagħha li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 68 billi kkonstatat li l-elementi mqajma minn BX "ma kinux jeħtieġu" interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, mingħajr madankollu ma tat dettalji tar-raġunijiet li wassluha għal tali konklużjoni. Madankollu, it-TGI ta' Bukarest qieset li l-użu tal-espressjoni "ma jeħtieġx" tippreżupponi li l-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) ikkunsidrat li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-istess Artikolu 68 huma ċari, b'tali mod li ma jeħtiġux li jkunu analizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

51. Minkejja li tali ġustifikazzjoni ma ssodisfatx ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Cilfit[12], it-TGI ta' Bukarest iddeċidiet, wara paragun bejn iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali u dawk tal-kawża li tat lok għas-sentenza Köbler, li din l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni ma tistax tikkostitwixxi ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, minkejja li, f'din l-aħħar kawża, qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma setgħux jiġu kkontestati taħt id-dritt nazzjonali kienet irtirat it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, u sussegwentement, interpretat ħażin il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar iddeċidiet li l-ksur tad-dritt tal-Unjoni ma kien la manifest u lanqas suffiċjentement gravi sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat Membru inkwistjoni. Għalhekk, sa fejn ma kienet teżisti, f'din il-kawża, ebda sentenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, il-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma setax, *a fortiori*, jiġi kkunsidrat bħala manifest.

52. BX appella mis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2016 mogħtija mit-TGI ta' Bukarest quddiem il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest).

53. Fil-kuntest ta' dan l-appell, BX sostna, qabelxejn, li għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet it-TGI ta' Bukarest, l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jagħti drittijiet lil individwi, u li dan jirriżulta kemm mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[13] kif ukoll mill-investigazzjoni

[12] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et* (283/81, iktar 'il quddiem is-"sentenza Cilfit", EU:C:1982:335). Skont it-TGI ta' Bukarest, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) kellha tirreferi, tal-inqas fil-motivi tad-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' April 2012, għal elementi bħal: it-terminoloġija proprja tad-dritt tal-Unjoni, il-kuntest li fih kienet tinsab id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kollha li fid-dawl tagħhom kienet interpretata d-dispożizzjoni, l-iskop tagħha u l-istat ta' żvilupp tad-dritt tal-Unjoni fil-mument li fih id-dispożizzjoni kellha tiġi applikata, sabiex il-qorti adita minn azzjoni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat tkun tista' tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 267 TFUE kinux ġew osservati.

[13] Il-qorti tar-rinviju ssemmi, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Ġunju 1976, Kampffmeyer *et* vs KEE (56/74 sa 60/74, EU:C:1976:78, punt 13); kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' April 2002, Lamberts vs L-Ombudsman (T-209/00, EU:T:2002:94, punt 87); u tat-23 ta' Novembru 2011, Sison vs Il-Kunsill (T-341/07, EU:T:2011:687, punt 47).

nru AA/2008/24 tal-Kummissjoni, imsemmija fil-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għalhekk, ksur ta' din id-dispożizzjoni jista' jwassal sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-istituzzjoni inadempjenti u għall-kundanna tagħha għall-ħlas tad-danni kkawżati b'konformità mal-Artikolu 41(3) flimkien mal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Imbagħad, BX argumenta li, billi marret kontra s-sens evidenti tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004 u l-obbligi li timponi din id-dispożizzjoni, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) kienet kisret id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fid-dawl tal-Artikoli 47 sa 52 tal-Karta. Il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu juri n-natura deliberata tal-ksur. Ir-rifjut li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari, minkejja li huwa kien talab dan ir-rinviju, isaħħaħ din il-konklużjoni, peress li l-motivazzjoni ta' dan ir-rifjut kienet deliberatament ekwivoka sabiex tipprekludi qorti milli tistħarreġ il-fondatezza u l-legalità ta' din il-motivazzjoni. Finalment, BX ikkunsidra li l-konstatazzjoni ta' ksur manifest tal-obbligu stabbilit fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE ma tistax tiġi rriżervata għall-każ li fih qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu kkontestati taħt id-dritt nazzjonali tmur kontra sentenza preliminari ta' interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-assenza ta' tali sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati l-kriterji previsti fil-punt 55 tas-sentenza Köbler.

54. Sabiex tiddeċiedi dwar l-appell ippreżentat minn BX, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) tqis neċessarju li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar, l-ewwel nett, jekk l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jagħtix drittijiet speċifiċi lil individwi, it-tieni nett, jekk il-kunċett ta' "informazzjoni fattwalment korretta", fis-sens tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004, jinkludix kemm id-dikjarazzjoni korretta taż-żoni mill-bidwi u l-identifikazzjoni korretta tal-art maħduma, u t-tielet nett, jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-fatt li ma kinitx adixxietha b'domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 68 jikkostitwixxix ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Rumen.

55. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament [Nru 1728/2003] jikkostitwixxi regola tal-Unjoni Ewropea li tagħti drittijiet konkreti lil individwi, li l-ksur tagħha jista' jwassal għar-responsabbiltà tal-Istat minħabba deċiżjoni ta' qorti nazzjonali tal-aħħar istanza?

2) Il-kunċett ta' 'informazzjoni fattwalment korretta' previst fl-Artikolu 68(1) tar-Regolament [Nru 796/2004] għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi kemm id-dikjarazzjoni korretta taż-żoni mill-bidwi kif ukoll l-identifikazzjoni korretta tar-roqgħa art użata u tal-limiti tagħha?

3) Fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, il-fatt li l-qorti nazzjonali tal-aħħar istanza ma adixxietx lill-[Qorti tal-Ġustizzja] għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004 jikkostitwixxi ksur manifest u serju biżżejjed sabiex l-Istat ikun responsabbli għad-dannu li kien allegatament ikkawżat mid-deċiżjoni ta' dik il-qorti?"

56. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Gvern Rumen u mill-Kummissjoni. Dawn l-istess partijiet, kif ukoll BX, ippreżentaw ukoll osservazzjonijiet orali waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li nżammet fl-20 ta' Mejju 2025.

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

57. Preliminarjament, infakkar li din il-kawża tirrigwarda s-sitwazzjoni li fiha BX, bidwi applikant għal għajnuna għas-superfiċi, stima eċċessivament is-superfiċi agrikoli li għalihom huwa kien applika għal din l-għajnuna, filwaqt li l-mapep topografiċi mqiegħda għad-dispożizzjoni mill-awtorità kompetenti nazzjonali, li abbażi tagħhom huwa kien identifika s-superifiċi agrikoli ikkonċernati, ma kinux suffiċjentement preċiżi sabiex jippermettu l-identifikazzjoni tal-limiti tal-art maħduma. F'tali kundizzjonijiet, dan il-bidwi li, wara d-dikjarazzjoni żejda taż-żona, kien ġie eskluż mill-benefiċċju tal-għajnuna permezz ta' deċiżjoni ta' din l-awtorità, argumenta li din ma kinitx "dikjarazzjoni żejda" magħmula b'mod intenzjonat iżda identifikazzjoni żbaljata tal-limiti tal-art użata minħabba ineżattezzi li kienu jinsabu f'dawn il-mapep, li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, u li għalhekk, l-applikazzjoni tiegħu għal għajnuna kienet tinkludi "informazzjoni fattwalment korretta" jew, tal-inqas, ma kinitx twassal għal "nuqqas" li skont l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004 jimplika li l-esklużjonijiet mill-ħlas tal-għajnuna ma għandhomx japplikaw.

58. Il-problema ġuridika li tinsab fil-qalba tal-kawża prinċipali hija bbażata għalhekk, fuq il-kumpens għad-dannu li BX kien allegatament ġarrab minħabba d-deċiżjoni tal-Curtea de Apel Bucuresti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), li waqt li ddeċidiet fl-aħħar istanza, minn naħa, ċaħdet l-appell tiegħu ippreżentat kontra s-sentenza tat-TGI ta' Bukarest, li permezz tagħha din il-qorti ma rrikonoxxiet id-dritt tiegħu għall-għajnuna, minħabba d-dikjarazzjoni żejda tas-superfiċi li għalihom kien talab l-għajnuna, u min-naħa l-oħra, irrifjutat li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari. Għalhekk, wara s-sentenza tal-Curtea de Apel Bucuresti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), BX adixxa lit-TGI ta' Bukarest b'rikors intiż sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat Rumen għal ksur tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003 u tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004, kif ukoll tal-obbligu li qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza għandha li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. Peress li dan ir-rikors kien ġie ddikjarat infondat mit-TGI ta' Bukarest, BX appella quddiem il-Curtea de Apel Bucuresti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest).

59. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Bucuresti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), li għandha tiddetermina jekk hija kellhiex tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-kwalità tagħha ta' qorti tal-aħħar istanza, issospendiet il-proċedura u għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja tliet domandi preliminari.

B. Fuq l-ewwel domanda

60. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jikkostitwixxix dispożizzjoni li għandha l-għan li tagħti drittijiet lil individwi li l-ksur tagħhom jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

61. Infakkar li, it-TGI ta' Bukarest, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, ikkonstatat li l-ksur tal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament ma setax jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Rumen peress li din id-dispożizzjoni ma kinitx tagħti drittijiet lil individwi [14]. Min-naħa tiegħu, BX ikkontesta din il-konklużjoni billi rrefera għal deċiżjonijiet tal-Kummissjoni mogħtija matul is-snin 2010 u 2011 [15]. B'mod iktar preċiż, l-imsemmija konklużjoni tmur kontra l-investigazzjoni nru AA/2008/24 tal-Kummissjoni, li kienet indikat li sistema kartografika inkorretta ma tissodisfax r-rwol tagħha li tiżgura l-effettività ta' kontroverifiki amministrattivi (interess ġenerali), iżda twassal ukoll għal lokalizzazzjoni ħafna drabi inkorretta ta' artijiet agrikoli fis-sistema ta' identifikazzjoni ta' dawn mill-bdiewa, li għalhekk jispiċċaw ippenalizzati jew ma jirċevux l-għajnuna tagħhom jew ma jkunux ikkumpensati għall-ispejjeż tagħhom, "li jikkomprometti wkoll l-interess partikolari ta' kull bidwi". Għalhekk, f'tali kuntest, l-Artikolu 20 tal-imsemmi regolament għandu dimensjoni istituzzjonali, jiġifieri dik li jiżgura l-effettività tal-proċeduri ta' amministrazzjoni u ta' kontroll fil-kuntest tal-PAK. Madankollu, dan ma jeskludix awtomatikament il-possibbiltà li din l-istess dispożizzjoni tagħti drittijiet lil individwi u, b'mod partikolari, dak li jkunu informati permezz ta' mapep topografiċi preċiżi, peress li n-nuqqas ta' osservanza ta' din il-kundizzjoni marbuta mal-preċiżjoni tal-mapep jista' jċaħħad il-bidwi minn informazzjoni utli fil-proċess li jikseb l-għajnuna u jkollu effett dirett fuq il-possibbiltà li jibbenefika minn appoġġ finanzjarju.

62. F'dan ir-rigward, infakkar, qabelxejn, li fir-rigward tal-kundizzjonijiet li jippermettu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' Stat Membru għad-danni kkawżati lil individwi minn ksur tad-dritt tal-Unjoni li huwa imputabbli lilu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li l-individwi leżi għandhom dritt għal kumpens ladarba jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, li d-dispożizzjoni legali miksura jkollha l-għan li tagħti drittijiet lil individwi, it-tieni nett, li l-ksur ta' din id-dispożizzjoni jkun suffiċjentement serju, u t-tielet nett, li tkun teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur tal-obbligu impost fuq l-Istat Membru u d-dannu mġarrab minn dawn l-individwi [16].

63. B'mod iktar preċiż, għal dak li jirrigwarda l-ewwel kundizzjoni, li hija msemmija fl-ewwel domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-drittijiet mogħtija lil individwi jitnisslu mhux biss meta *jingħataw espressament* permezz ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll minħabba *obbligi pożittivi jew negattivi* li dawn jimponu b'mod iddefinit sew kemm fuq l-individwi kif ukoll fuq l-Istati Membri jew fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni [17]. Il-ksur ta' tali obbligi pożittivi jew negattivi, minn Stat Membru, jista' jostakola l-eżerċizzju, mill-individwi kkonċernati, tad-drittijiet mogħtija lilhom impliċitament skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kkonċernati, u li dawn għandhom ikunu jistgħu jinvokaw fuq livell nazzjonali, u b'hekk jibdlu s-sitwazzjoni legali li dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi li joħolqu għal dawn

[14] Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[15] Deċiżjonijiet li permezz tagħhom ir-Rumanija kienet ġiet ikkundannata minħabba diversi nuqqasijiet fir-rigward tas-sistema SIPA-SIG, tal-kontrolli amministrattivi u tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet minħabba li pprovdiet informazzjoni ineżatta lill-bdiewa u kontrolli fuq il-post ineffettivi fir-rigward tal-għajnuna għas-superfiċi.

[16] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur et Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 51); Köbler (punt 51); Tomášová (punt 22); Hochtief (punt 35); tat-18 ta' Jannar 2022, Thelen Technopark Berlin (C-261/20, EU:C:2022:33, punt 44), u tat-28 ta' Ġunju 2022, Il-Kummissjoni vs Spanja (Ksur tad-dritt tal-Unjoni mil-leġiżlatur) (C-278/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza Ksur tad-dritt tal-Unjoni mil-leġiżlatur", EU:C:2022:503, punt 31). Barra minn hekk, dejjem skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-implimentazzjoni tal-imsemmija kundizzjonijiet għandha, bħala prinċipju, titwettaq mill-qrati nazzjonali, skont il-linji gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex titwettaq tali implimentazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kantarev", EU:C:2018:807, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[17] Ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2022, Ministre de la Transition écologique et Premier ministre (Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġis tal-arja) (C-61/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġis tal-arja", EU:C:2022:1015, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, f'dan is-sens, ġurisprudenza relatata mar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE (ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2024, Kočner vs L-Europol (C-755/21 P, EU:C:2024:202, punti 118 sa 120 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

l-individwi. Huwa għalhekk li l-effettività sħiħa ta' dawn ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet li dawn għandhom bħala għan li jagħtu jeżiġu li l-individwi jkollhom il-possibbiltà li jiksbu kumpens, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet ikkonċernati għandhomx effett dirett, peress li din il-kwalità la hija neċessarja u lanqas suffiċjenti fiha nnifisha sabiex l-ewwel waħda mit-tliet kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet tkun issodisfatta [18].

64. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, li jistabbilixxi r-regoli dwar il-kostituzzjoni tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-artijiet agrikoli li jagħmlu parti mir-regoli komuni fil-qasam ta' pagamenti diretti skont skemi ta' appoġġ tad-dħul li jaqgħu taħt il-PAK, għandux l-għan li jagħti drittijiet lil individwi, u b'mod partikolari, lil applikanti għal għajnuna li jippermettulhom jippreżentaw rikors għall-kumpens tad-dannu kkawżat min-nuqqas ta' preċiżjoni tal-mapep topografiċi tal-APIA [19].

65. Għar-raġunijiet li ġejjin, inqis li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tagħti drittijiet speċifiċi lill-applikanti għal għajnuna, jew tal-inqas, bħala li hija intiża li toħloq sitwazzjoni legali fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, kemm b'mod espliċitu jew impliċitu.

66. Fil-fatt, fl-ewwel lok, nosserva li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jirriżultax li huwa intiż sabiex jagħti drittijiet lil applikanti għal għajnuna. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni, li taqa' taħt it-Titolu II ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", u b'mod iktar preċiż, taħt il-Kapitolu 4 tiegħu, intitolat "Sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll", hija ta' natura purament teknika sa fejn hija tipprovdi li din is-sistema ta' identifikazzjoni ta' artijiet agrikoli hija "stabbilita fuq il-bażi ta' mapep u dokumenti tar-reġistru ta' l-artijiet jew referenzi kartografiċi oħra". L-imsemmija dispożizzjoni tiddefinixxi t-tekniki użati għall-istabbiliment ta' din is-sistema, billi tippreċiża li dawn jagħmlu "użu minn sistemi tekniċi ta' informazzjoni ġeografika kompjuterizzata, inkluż preferibbilment 'orthoimagery' ta' l-arju jew ta' l-ispazju, b'garanzija ta' 'standard' ta' preċiżjoni omoġenja, ekwivalenti mill-inqas għall-kartografija bi skala ta' 1:10000".

67. Minn dan isegwi, minn naħa, li l-formulazzjoni tal-Artikolu 20(1) tal-imsemmi regolament ma tinkludi ebda riferiment għal individwi, u lanqas, *a fortiori*, għal applikanti għal għajnuna, b'tali mod li ebda drittijiet ma "jingħataw espressament", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni timponi "obbligu pożittiv" fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli mill-amministrazzjoni u mill-kontroll tal-pagamenti diretti lill-bdiewa sabiex jużaw sistemi ta' identifikazzjoni ta' artijiet agrikoli għall-għajnuna, b'mod partikolari, ta' mapep topografiċi b'livell ta' preċiżjoni minimu. Issa, mill-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni ma jirriżultax li dan l-"obbligu pożittiv" inissel xi drittijiet għall-benefiċċju ta' individwi, fis-sens ta' din l-istess ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, l-istess dispożizzjoni ma tinkludi ebda indikazzjoni li l-użu ta' mapep topografiċi għandu joħloq benefiċċju għall-individwi, u b'mod partikolari, għall-bdiewa li jitolbu għajnuna.

68. Fit-tieni lok, din il-konstatazzjoni tirriżulta wkoll mill-interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003.

[18] Ara s-sentenzi Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġis tal-arja (punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll Kantarev (punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[19] Ara, għal eżempji oħra fejn il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk dispożizzjoni legali miksura kellhiex l-għan li tagħti drittijiet lil individwi, is-sentenzi tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punt 50); tal-25 ta' Marzu 2021, Balgarska Narodna Banka, C-501/18, EU:C:2021:249, punt 115); tal-10 ta' Marzu 2022, Grossmania (C-177/20, EU:C:2022:175, punt 70); u Responsabbiltà tal-Istat għat-tniġġis tal-arja (punti 45 sa 57).

69. F'dan ir-rigward, infakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, "[k]ull Stat Membru għandu jistabilixxi sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll", imsejħa "sistema integrata", li b'konformità mat-tieni u t-tielet paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, tapplika għal skemi differenti ta' appoġġ fil-kuntest tal-PAK [20], kif ukoll għall-kontroll tar-regoli previsti mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-imsemmi regolament [21]. L-għan ġenerali mfittex minn din is-sistema integrata, skont il-premessa 11 u 13 tal-istess regolament, huwa li "tkun imtejba l-effikaċja u l-utilità tal-mekkaniżmi ta' amministrazzjoni u kontroll".

70. F'dan il-kuntest, skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, moqri fid-dawl tal-premessa 13 tiegħu, is-sistema integrata ta' amministrazzjoni tinkludi sensiela ta' elementi, li, flimkien, huma intiżi "għall-amministrazzjoni u kontroll iktar effettivi". Fost dawn l-elementi nsibu, fil-punt (b), is-"sistema ta' identifikazzjoni tal-biċċiet ta' art agrikola" (iktar 'il quddiem is-"SIPA"), li hija prevista mill-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament. Għalhekk, is-SIPA hija biss waħda mill-komponenti tas-sistema integrata u ma tistax tiġi analizzata b'mod awtonomu, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni għanijiet iktar ġenerali mfittxija mill-istabbiliment tas-sistema integrata. Fil-fatt, b'konformità mal-premessa 14 tal-imsemmi regolament, is-SIPA tikkontribwixxi, bħall-elementi l-oħra tas-sistema integrata – jiġifieri, id-database kompjuterizzata, l-applikazzjonijiet għal għajnuna tal-bdiewa, is-sistema integrata ta' kontroll u, għall-iskema ta' pagament uniku, is-sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tad-drittijiet għall-pagament – sabiex ittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' amministrazzjoni u ta' kontroll, meħuda inkunsiderazzjoni l-kumplessità tas-sistema kif ukoll in-numru kbir ta' applikazzjonijiet għal għajnuna li jridu jiġu pproċessati. B'mod partikolari, skont il-premessa 16 tal-istess regolament, l-identifikazzjoni ta' artijiet agrikoli, jekk ikun il-każ, bil-għajnuna ta' remote sensing, "hi element kruċjali fl-applikazzjoni korretta ta' l-iskemi marbuta ma' l-'area' tas-superfiċje", peress li "[l]-esperjenza wriet li l-metodi [ta' identifikazzjoni] eżistenti għandhom ċerti nuqqasijiet".

71. Minn dan jirriżulta li din id-dispożizzjoni, bħall-elementi l-oħra komponenti tas-"sistema integrata" stabbiliti mir-Regolament Nru 1782/2003 [22], hija intiża esklużivament sabiex ittejjeb l-effettività tal-kontroll billi tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifikaw b'mod effettiv il-konformità tal-applikazzjonijiet għal għajnuna mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni [23]. L-iskop ta' amministrazzjoni u kontroll effettivi tal-pagamenti diretti huwa bbażat, preċiżament, fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Minn din il-perspettiva, il-mapep topografiċi, peress li ma humiex suffiċjentement preċiżi, jistgħu jikkompromettu l-effettività tal-kontroll, u għalhekk joħolqu r-riskju li l-Istati Membri ma jidentifikawx il-pagamenti mhux dovuti, li jirrappreżenta riskju finanzjarju għall-baġit tal-Unjoni.

[20] Jiġifieri, l-iskema ta' pagament uniku (stabbilita fit-Titolu III tar-Regolament Nru 1782/2003) u l-iskemi oħra ta' għajnuna (stabbiliti fit-Titolu IV ta' dan ir-regolament), kif ukoll l-iskemi ta' appoġġ issimplifikati għas-snin kalendarji 2002 sa 2005 (skont l-Artikolu 2a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1259/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett skond il-[PAK] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Kap. 24, p. 424)).

[21] Jiġifieri, il-Kapitoli 1 sa 3 tat-Titolu II, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", tar-Regolament Nru 1782/2003.

[22] Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 19 (intitolat "'Date base' kompjuterizzat"), l-Artikolu 21 (intitolat "Sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament") u l-Artikolu 22 (intitolat "Applikazzjonijiet għall-għajnuna") tar-Regolament Nru 1782/2003.

[23] Ara, f'dan is-sens, il-premessi 11 u 55 tar-Regolament Nru 796/2004.

72. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet, minkejja li huma potenzjalment utli għall-bdiewa [24], ma kinux żviluppati mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jakkomodaw lil dawn tal-aħħar fil-kuntest tal-applikazzjonijiet tagħhom għal għajnuna. Fil-fatt, il-livell ta' preċiżjoni tal-mapep topografiċi li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huwa ddeterminat sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-kontroll tal-applikazzjonijiet għal għajnuna, peress li s-sistema integrata ma tiffunzjonax bħala strument ta' sostenn għall-bdiewa għal dak li jirrigwarda l-applikazzjonijiet tagħhom. Madankollu, tali strument huwa previst mir-Regolament Nru 1782/2003, jiġifieri "s-sistema konsultattiva tal-irziezet", li hija stabbilita mill-Istati Membri, "biex jagħtu pariri lill-bdiewa" [25].

73. Barra minn hekk, nosserva li għalkemm bidwi jista' jibbenefika mill-użu tas-"sistema integrata", din l-utilità hija, min-natura tagħha stess, inerenti għal kwalunkwe sistema ta' organizzazzjoni, bħas-"sistema integrata", sa fejn ebda sistema ma tidher li taħdem b'mod awtoreferenzjali, għaliha nfisha: hija dejjem finalment tispiċċa tkun għall-utilità taċ-ċittadin. Madankollu, tali utilità hija kompletament indiretta u riflessa, u ma hijiex biżżejjed sabiex tagħti "drittijiet lill-individwi" fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [26]. F'każ kuntrarju, kwalunkwe dispożizzjoni ta' natura ta' organizzazzjoni jkollha tiġi kkunsidrata bħala li tagħti drittijiet lill-individwi, li tkun "*reductio ad absurdum*".

74. Fit-tielet u l-aħħar lok, in-natura purament oġġettiva u teknika tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003 tidher b'mod iktar ċar fid-dawl tal-ġenesi ta' din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, nirrileva li s-"sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll", kienet stabbilita mir-Regolament Nru 3508/92 sabiex, b'mod partikolari, issaħħaħ l-effettività u l-utilità tal-mekkaniżmi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll (it-tielet premessa ta' dan ir-regolament), bl-użu tal-mezzi tekniċi u l-metodi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll xierqa fid-dawl tal-kumplessità ta' tali sistema kif ukoll tan-numru kbir ta' applikazzjonijiet għal għajnuna li għandhom jiġu pproċessati (il-ħames premessa tal-imsemmi regolament), b'tali mod li tinkludi, fil-livell ta' kull Stat Membru, "database ikkompjuterizzata, sistema ta' identifikazzjoni alfanumerika għall-qatgħat tar-raba', sistema armonizzata ta' kontroll u, fis-settur tal-bhejjem, sistema sabiex jiġu identifikati u rreġistrati l-annimali" [27]. Barra minn hekk, u għal kull effett utli,

[24] Ara, pereżempju, l-aċċess għal databases kompjuterizzati skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1782/2003. L-identifikazzjoni korretta ta' artijiet agrikoli sabiex jinkiseb appoġġ finanzjarju tiddependi parzjalment mill-kwalità tal-mapep imqiegħda għad-dispożizzjoni. Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li jargumenta BX, ma jistax jiġi sostnut li, mingħajr dawn il-mapep, kien ikun impossibbli li applikant għal għajnuna jwettaq delimitazzjoni korretta tal-artijiet tiegħu.

[25] Ara l-Artikoli 13 sa 16 u l-premessi 8 u 9 tar-Regolament Nru 1782/2003.

[26] Ara l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fin-noti ta' qiegħ il-paġna 16 u 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Ir-Regolament Nru 1782/2003 kien jirrikonoxxi li l-identifikazzjoni tal-qatgħat tar-raba' hija element essenzjali fl-applikazzjoni korretta ta' l-iskemi marbuta mal-erja tal-wiċċ ta' l-art; billi l-esperjenza wriet illi l-metodi eżistenti fihom ċerti defiċjenzi; billi, għalhekk, għandha ssir dispożizzjoni għal sistema ta' identifikazzjoni alfanumerika stabbilita mill-bidu, bil-għajnuna tar-remote sensing, fejn meħtieġ (ara l-premessa sittax ta' dan ir-regolament).

nikkonstata li dawn l-istess intenzjoni u skop tas-SIPA kienu rriprodotti mir-Regolament (KE) Nru 73/2009 [28], li ħassar u ssostitwixxa r-Regolament Nru 1782/2003, kif ukoll mir-regolamenti kollha sussegwenti għalih [29].

75. Għaldaqstant, fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu, tal-kuntest tiegħu, tal-għan tiegħu u tal-ġenesi tiegħu, l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003 għandu l-għan li jirregola l-mod ta' identifikazzjoni ta' artijiet agrikoli, bħala element tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll tal-legalità tal-użu tal-fondi tal-Unjoni, u jikkontribwixxi għalhekk, għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u ma huwiex intenzjonat li jistabbilixxi dispożizzjoni legali tal-Unjoni li tagħti drittijiet lil individwi. Id-dispożizzjonijiet tiegħu, li jirrigwardaw l-istabbiliment tas-sistema ta' identifikazzjoni ta' artijiet agrikoli, elementi fundamentali tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll, huma intiżi sabiex jiżguraw il-funzjonament tajjeb, u għalhekk jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' amministrazzjoni u ta' kontroll effettivi tal-applikazzjonijiet għal għajnuna.

76. Fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-awditu AA/2008/24 imwettaq mill-Kummissjoni, li għalih jirreferi BX fl-argument tiegħu sabiex jenfasizza n-natura żbaljata tal-konklużjoni tat-TGI ta' Bukarest. Fil-fatt, kif issostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, dan l-awditu ppermetta li tiġi konkluża l-eżistenza ta' lakuna fis-sistema ta' identifikazzjoni ta' artijiet agrikoli fir-Rumanija, u wassal għal korrezzjonijiet finanzjarji. Madankollu, tali investigazzjoni, minħabba n-natura tagħha, tirrigwarda biss ir-relazzjoni bejn l-Unjoni u r-Rumanija u hija intiża esklużivament sabiex tidentifika r-riskji finanzjarji għall-fondi tal-Unjoni. Konsegwentement, mill-imsemmi awditu ma jistax jiġi dedott li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003 kien jipproteġi d-drittijiet individwali tal-bdiewa.

77. Għalhekk, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari tkun li l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jistax jiġi interpretat bħala li għandu l-għan li jagħti drittijiet lil individwi, u b'mod partikolari, lil applikanti għal pagamenti diretti.

[28] Regolament tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-[PAK] u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7) (ara l-Artikoli 15 u 17 kif ukoll il-premessa 21 ta' dan ir-regolament).

[29] Ara l-Artikoli 68 u 70 kif ukoll il-premessa 44 u 45 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-[PAK] u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1200/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83), iżda wkoll l-Artikoli 66 u 68 kif ukoll il-premessi 58 sa 60 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-[PAK] u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU 2021, L 435, p. 187, rettifika fil-ĠU 2022, L 29, p. 45). Madankollu, nosserva li l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 227, p. 69), stabbilixxa wkoll obbligu għall-awtorità kompetenti li tipprovdi lill-applikant għall-għajnuna formola ta' talba għal għajnuna ġeospazjali, sabiex, b'mod partikolari, jiġu identifikati l-artijiet agrikoli kollha.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

78. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "informazzjoni fattwalment korretta" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jirrigwarda kemm id-dikjarazzjoni korretta tas-superfiċi mill-bidwi kif ukoll l-identifikazzjoni korretta minnu tal-art maħduma u tal-limiti tagħha.

79. Infakkar li, f'dan il-każ, l-applikazzjoni ta' BX kienet ġiet eskluża mill-benefiċċju ta' pagamenti diretti abbażi tal-Artikolu 138(1) tar-Regolament Nru 1973/2004, fid-dawl tal-fatt li huwa kien ippreżenta dikjarazzjoni inizjali ta' żona ta'46.56 % iktar mir-realtà [30]. Dan tal-aħħar jikkontesta li huwa kien wettaq tali dikjarazzjoni żejda. Fil-fatt, fil-fehma tiegħu, id-dikjarazzjoni żejda allegata imputabbli kontrih hija imputabbli lill-APIA ta' Argeș li kienet ipprovdietlu mapep topografiċi insuffiċjentement preċiżi u, għalhekk, mhux konformi mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003. Konsegwentement, BX kien ipprovda "informazzjoni fattwalment korretta", u fi kwalunkwe każ, ma kellux "tort", b'mod li ebda tnaqqis jew esklużjoni mill-għajnuna ma kellhom jiġu applikati fil-konfront tiegħu, b'konformità mal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004.

80. Preliminarjament, infakkar li l-Artikolu 68 ta' dan ir-regolament, li jinkludi d-dispożizzjonijiet relatati mal-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tnaqqis u ta' esklużjonijiet mill-pagamenti ta' għajnuna previsti, b'mod partikolari, fil-Kapitolu I tiegħu, iddedikat għall-konstatazzjonijiet dwar il-kriterji ta' eliġibbiltà, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li t-tnaqqis u l-esklużjonijiet mill-benefiċċju ta' pagamenti ma japplikawx meta l-bidwi jkun issottometta lill-awtorità kompetenti "*informazzjoni fattwalment korretta* jew fejn ikun jista' juri *mod ieħor* li ma jkollux tort" [31]. Fil-fatt, skont il-premessa 67 tal-imsemmi regolament, "[i]t-tnaqqis u l-esklużjonijiet fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibilità għandhom, bħala regola ġenerali, ma japplikaw għal bidwi li jkun bagħat informazzjoni fattwalment korretta jew fejn ikun jista' jipprova mod ieħor li ma għandux tort".

81. F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 68(1) tal-istess regolament fir-rigward ta' informazzjoni marbuta mal-kriterji ta' eliġibbiltà, din id-dispożizzjoni għandha tinqara flimkien mal-Artikolu 12 tiegħu, li jirregola l-kontenut tal-"applikazzjoni waħdiena" magħmula mill-bidwi [32], li permezz tagħha dan jiddikjara mhux biss ż-żona li huwa juża għall-finijiet agrikoli, iżda wkoll id-drittijiet tiegħu għall-pagament [33]. Għalhekk, b'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 796/2004, l-"applikazzjoni waħdiena għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita l-eliġibilità għall-għajnuna, b'mod partikolari: [...] (d) *dettalji li jippermettu l-identifikazzjoni tal-pakketti agrikoli kollha tal-azjenda, id-daqs tagħhom espress f'ettari sa żewġ punti deċimali, il-lokazzjoni tagħhom u, fejn japplika, l-użu tagħhom u jekk il-pakkett agrikolu huwiex saqwi*" [34].

[30] Ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[31] Korsiv miżjud minni.

[32] Din l-"applikazzjoni waħdiena" hija ddefinita fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 796/2004 bħala "kull applikazzjoni għall-ħlasijiet diretti fir-rigward tal-iskema ta' ħlas waħdieni u skemi oħra ta' għajnuna relatati maż-żona, bl-eċċezzjoni tal-applikazzjonijiet għal għajnuna ta' gruppi ta' produtturi rrikonoxxuti għall-ħops skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 68a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003".

[33] Ara l-premessa 16 tar-Regolament 796/2004.

[34] Korsiv miżjud minni.

82. Għalhekk mill-formulazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li kemm id-"dikjarazzjoni korretta ta' superfiċi mill-bidwi", sa fejn din tirreferi għad-"daqs [..] espress f'ettari sa żewġ punti deċimali", kif ukoll l-"identifikazzjoni korretta tal-art użata u tal-limiti tagħha", sa fejn hija tirreferi għall-"identifikazzjoni tal-pakketti agrikoli" u l-"lokazzjoni tagħhom", jikkostitwixxu informazzjoni neċessarja sabiex tiġi deċiża l-eliġibbiltà għall-għajnuna. Din il-konstatazzjoni hija, fil-fatt, koerenti mal-kunċett stess ta' "identifikazzjoni" ta' art agrikola, li tikkonsisti esklużivament fl-identifikazzjoni tal-limiti ta' art agrikola u mhux tas-superfiċi tagħha, li, min-naħa tagħha, tista tiġi ddeterminata biss wara l-identifikazzjoni preċiża tal-limiti ta' din l-art agrikola. Fi kliem ieħor, l-identifikazzjoni korretta ta' art agrikola timplika neċessarjament, ħlief żball fil-kalkolu, dikjarazzjoni korretta tas-superfiċi.

83. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, jidhirli li huwa neċessarju li jitwessa' l-perimetru ta' din id-domanda u li jiġi eżaminat, fit-tieni lok, jekk bidwi li bagħat informazzjoni mhux korretta lil-awtorità kompetenti nazzjonali jistax madankollu jevita tnaqqis jew esklużjoni mill-għajnuna, skont l-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004, jekk juri li ma kellux "tort" peress li l-iżball irrilevat minn din l-awtorità ma huwiex imputabbli lilu.

84. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni marbuta mal-imputabbiltà tal-ksur tiddependi mill-ispeċifikazzjonijiet ta' kull każ inkwistjoni. Għalhekk, il-fatt li awtorità, bħall-APIA, kienet ipprovdiet lill-applikant għall-għajnuna dokumenti ineżatti jew insuffiċjentement preċiżi li ma kinux ippermettewlu jillokalizza jew jiddelimita preċiżament l-artijiet li huwa jixtieq jaħdem, jista' jeżonera minn kull "tort" lil dan il-bidwi, jekk huwa jasal juri li huwa ma kellu ebda prova oħra disponibbli, abbażi ta' pjanti oħra jew dokumenti tar-reġistru tal-artijiet jew anki referenzi kartografiċi oħra, li tippermettilu jidentifika jew jillokalizza dawn l-istess artijiet. Madankollu, fid-dawl tar-risposta li nissuġġerixxi li għandha tingħata lill-ewwel domanda preliminari, mid-dispożizzjonijiet relatati mas-"sistema integrata" tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jirriżultax li dawn jagħtu xi dritt lill-imsemmi bidwi li jippermettilu li juri l-lokalizzazzjoni u ż-żona tal-artijiet tiegħu permezz tad-dokumenti miżmuma mill-awtorità kompetenti nazzjonali.

85. Fir-rigward tal-fatti tal-kawża prinċipali, kif esposti fid-deċiżjoni tar-rinviju, nikkonstata, qabelxejn, fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura ta' "informazzjoni fattwalment korretta", kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, li ż-żona ammissibbli marbuta mad-dritt għall-pagament għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-bidwi [35], tali żona tifforma parti mill-azjenda ta' dan meta dan ikollu s-setgħa li jmexxiha għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' attività agrikola [36]. Il-bidwi għandu jkollu awtonomija suffiċjenti fir-rigward ta' din iż-żona, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża [37]. Barra minn hekk, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa essenzjali li ż-żoni kontenzjużi *ma jkunu s-suġġett ta' ebda attività agrikola eżerċitata minn terzi matul l-imsemmi perijodu*. Sabiex jiġi evitat li diversi bdiewa jsostnu l-artijiet ikkonċernati bħala li jifformaw parti mill-azjenda tagħhom, huwa fil-fatt neċessarju li, matul dan il-perijodu, dawn iż-żoni ma jkunux jistgħu jitqiesu bħala li jifformaw parti mill-azjenda ta' bdiewa oħrajn għall-finijiet tal-iskema ta' pagament uniku [38].

[35] Ara s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim (C-61/09, iktar 'il quddiem is-"sentenza Landkreis Bad Dürkheim", EU:C:2010:606, punt 53).

[36] Ara s-sentenza Landkreis Bad Dürkheim (punt 58).

[37] Ara s-sentenza Landkreis Bad Dürkheim (punt 62).

[38] Ara s-sentenza Landkreis Bad Dürkheim (punt 66).

86. F'dan il-każ, minn naħa, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li ż-żona mikrija minn BX mingħand is-sid tal-art kienet iżgħar minn dik li huwa kien iddikjara. Kieku BX kien jaf li ż-żona effettivament maħduma kienet ikbar minn dik miżmuma skont il-kuntratt ta' kiri konkluż mas-sid tal-art, huwa kien ikollu jipproduċi l-prova ta' dan quddiem l-APIA ta' Argeș. Issa, nosserva li, fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, BX naqas milli jindika element fattwali li, madankollu, jidher essenzjali, jiġifieri ż-żona korretta, minkejja li huwa kellu jew seta' jipprevedi li wħud miż-żoni ddikjarati kienu użati mis-sid jew minn persuni oħra. Barra minn hekk, nirreleva li, f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni żejda ma kinitx tikkonċerna differenza żgħira li setgħet, skont il-każ, tiġi ttollerata jew skużata, iżda kienet tikkonċerna differenza ta' iktar minn 80 ha, li jidher diffiċilment konċepibbli fir-rigward ta' art agrikola fl-azjenda ta' bidwi wieħed, li għandu jiżgura l-ġestjoni tagħha fil-kuntest tal-attività professjonali tiegħu. Min-naħa l-oħra, minkejja li BX invoka żbalji li jinsabu fil-mapep topografiċi li kienu ġew ipprovduti lilu mill-APIA ta' Argeș, mill-fajl tal-kawża jirriżulta li, kemm id-dikjarazzjoni inizjali kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' modifika tas-superfiċi kienu saru abbażi tal-istess mapep tal-APIA.

87. Għalhekk, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda preliminari tkun li l-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 12 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "informazzjoni fattwalment korretta", li jinsab fl-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwarda, għal dak li jikkonċerna l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għajnuna, kull informazzjoni neċessarja sabiex tiġi deċiża tali eliġibbiltà u tinkludi, b'mod partikolari, kemm id-dikjarazzjoni korretta tas-superfiċi mill-bidwi kif ukoll l-identifikazzjoni korretta minnu tal-art maħduma u tal-limiti tagħha.

D. Fuq it-tielet domanda preliminari

88. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-fatt li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, hija ma adixxietx il-Qorti tal-Ġustizzja, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, b'domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004, jikkostitwixxix ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Membru inkwistjoni għad-dannu allegatament ikkawżat mid-deċiżjoni ta' din il-qorti.

89. Fi kliem ieħor, peress li ma tixtieqx tiġi akkużata li hija parti u mħallef fl-istess ħin, din il-qorti qegħda titlobna niddeċiedu fil-mertu rigward il-punt dwar jekk id-deċiżjonijiet tagħha tat-2 u tad-9 ta' April 2012 kisrux manifestament id-dritt tal-Unjoni [39]

[39] Nirreleva li, permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tidher li tirreferi biss għall-motiv ibbażat fuq il-ksur tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. L-analiżi li ġejja hija għalhekk mingħajr preġudizzju għall-eżami tal-motivi l-oħra invokati minn BX ibbażati fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1782/2003 u tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004 (ara l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet). F'dan ir-rigward, għall-kompletezza, nirrileva li, skont it-TGI ta' Bukarest, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) kisret l-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2003 diversi drabi, jiġifieri: i) billi ma ddeterminatx it-tifsira tat-termini "informazzjoni fattwalment korretta"; ii) billi kkonkludiet li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal BX abbażi biss tad-dokumenti li wasslu għad-deċiżjoni tal-APIA ta' Argeș u billi injorat għalhekk id-dokumenti l-oħra prodotti minn BX; u iii) billi lanqas ma offrietlu l-possibbiltà li jipprova bi kwalunkwe mezz ta' prova li ma kienx ħati ta' dikjarazzjoni żejda (ara l-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet). F'każ bħal dan, ma jistax jiġi eskluż li l-eżistenza ta' diversi żbalji "sempliċi" (allegatament) imwettqa mill-Istat fil-kuntest tal-istess rikors tista' tiġġustifika jekk ikun il-każ kwalifika mill-ġdid ta' dan l-iżball bħala żball wieħed "aggravat", li jista' jwassal għall-għoti ta' dritt għal kumpens għad-danni.

90. Preliminarjament, jidhirli utli li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-responsabbiltà ta' Stat Membru għal danni kkawżati mid-deċiżjoni ta' qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza li tikser dispożizzjoni legali tal-Unjoni hija rregolata mill-istess kundizzjonijiet bħal dawk li jirregolaw ir-responsabbiltà ta' Stat Membru, li huma msemmija fil-punt 62 ta' dawn il-konklużjonijiet [40].

91. B'mod partikolari, fir-rigward tat-tieni waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, li tirreferi għaliha t-tielet domanda preliminari, li teħtieġ li l-ksur tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jkun suffiċjentement serju, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tippreċiża li r-responsabbiltà tal-Istat minħabba l-attività ġuridika tagħha tista' tirriżulta biss fil-każ eċċezzjonali fejn il-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza tkun kisret b'mod manifest id-dritt applikabbli. Sabiex jiġi ddeterminat jekk jeżistix ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jitqiesu l-elementi kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni li tinsab quddiem il-qorti nazzjonali. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fost l-elementi li jistgħu jitqiesu f'dan ir-rigward hemm, b'mod partikolari, il-grad ta' ċarezza u preċiżjoni tar-regola miksura, il-portata tal-marġni ta' evalwazzjoni li r-regola miksura tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali, in-natura intenzjonali jew mhux volontarja tal-ksur imwettaq jew tad-dannu kkawżat, in-natura skużabbli jew mhux skużabbli ta' żball possibbli ta' liġi, iċ-ċirkustanza li l-pożizzjonijiet meħuda minn istituzzjoni tal-Unjoni setgħu kkontribwixxew għall-adozzjoni jew għaż-żamma ta' miżuri jew ta' prassi nazzjonali li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' eżekuzzjoni, mill-qorti inkwistjoni, tal-obbligu tagħha ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE [41].

92. F'dan ir-rigward, għal dak li jirrigwarda dan l-aħħar obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li huwa espressament imsemmi fit-tielet domanda preliminari, nirrileva li, b'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, meta domanda preliminari titqajjem f'kawża pendenti quddiem qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali, din il-qorti hija marbuta tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja [42].

93. Madankollu, dan l-obbligu ma huwiex ta' natura assoluta.

[40] Ara s-sentenzi Köbler (punt 52); Tomášová (punt 23); u Hochtief (punt 36).

[41] Ara s-sentenzi Köbler (punti 54 u 55) kif ukoll Tomášová (punti 24 u 25). Dawn l-elementi, li huma ispirati b'mod ċar mir-regoli tar-reġim ġenerali ta' responsabbiltà tal-Istat stabbiliti fis-sentenza fundamentali tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 56), huma madankollu indikattivi u mhux eżawrjenti, peress li l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa n-natura manifesta ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni għandha, fil-fehma tiegħi, tkun libera li tieħu inkunsiderazzjoni wkoll elementi oħra li jistgħu jkunu iktar rilevanti jew iktar adattati għas-sitwazzjoni li jkollha quddiemha. Għalhekk, meta l-ksur tad-dritt tal-Unjoni jiġi imputat lil qorti nazzjonali, skont is-sentenza Köbler (punt 53), għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċità tal-funzjoni ġuridika kif ukoll tar-rekwiżiti leġittimi taċ-ċertezza legali. Għal dan il-għan, jistgħu jkunu rilevanti ċerti kriterji stabbiliti fid-diversi sistemi nazzjonali tal-Istati Membri li adottaw ir-reġim ta' responsabbiltà tagħhom għall-poter pubbliku, skont il-każ, billi ħolqu reġim speċjali bbażat fuq il-ġurisprudenza Köbler, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni speċifiċitajiet inerenti għall-attività ġuridika. Għalhekk, ir-rikors għal kunċetti bħal "nuqqas ta' diliġenza" jew "negliġenza" meta mqabbla ma' dak li huwa meħtieġ minn ġudikant normalment diliġenti u prudenti, jista' wkoll ikun rilevanti. Bl-istess mod, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi ta' tali nuqqas u, b'mod partikolari, jekk kien ta' natura li tippreġudika b'mod gravi d-drittijiet tal-persuna kkonċernata.

[42] Dan l-obbligu ta' rinviju jaqa' fil-kuntest tal-kooperazzjoni, stabbilita sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha, bejn il-qrati nazzjonali, fil-kwalità tagħhom ta' qrati responsabbli mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u l-Qorti tal-Ġustizzja u għandha b'mod partikolari l-għan li tipprevjeni li fi kwalunkwe Stat Membru tiġi stabbilita ġurisprudenza nazzjonali li tmur kontra d-dispożizzjonijiet legali tal-Unjoni (ara s-sentenzi tal-4 ta' Novembru 1997, Parfums Christian Dior (C-337/95, EU:C:1997:517, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-15 ta' Settembru 2005, Intermodal Transports (C-495/03, EU:C:2005:552, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

94. Fil-fatt, skont limiti rrikonoxxuti mis-sentenza Cilfit u mill-ġurisprudenza stabbilita sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [43], qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali tista' tiġi lliberata minn dan l-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari biss meta hija tikkonstata b'mod immotivat id-domanda mqajma ma hijiex rilevanti jew li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni diġà ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja jew li l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni hija tant ovvja li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli (ara, rispettivament, it-teorija tal-"acte éclairé" u dik tal-"acte clair") [44].

95. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet, fis-sentenza CIM tagħha, li mis-sistema stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, moqri fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, jirriżulta li, meta qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali tqis, minħabba li tkun tinsab f'waħda mit-tliet sitwazzjonijiet, imsemmija fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, li hija meħlusa mill-obbligu li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha għandhom juru jew li d-domanda dwar id-dritt tal-Unjoni li tqajmet ma hijiex rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima, jew li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni kkonċernata tad-dritt tal-Unjoni hija bbażata fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew, fl-assenza ta' tali ġurisprudenza, li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni kienet tant ovvja għall-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza li ma kienet tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli [45]. Madankollu, għandu jiġi osservat li, b'mod ġenerali, l-evalwazzjoni ta' tali deċiżjoni ta' qorti nazzjonali għandha ssir skont elementi ta' liġi u ta' fatt eżistenti fil-mument tal-adozzjoni tagħha [46]. Issa, għalkemm, ċertament, il-qorti nazzjonali għandha l-obbligu li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha, peress li l-obbligu ta' motivazzjoni espliċitu fit-termini tas-sentenza CIM ġie stabbilit b'mod espress fis-6 ta' Ottubru 2021 biss, dan l-obbligu, fil-fehma tiegħi, jista' jkun infurzabbli fil-konfront tal-qrati nazzjonali biss minn din id-data tal-aħħar [47].

96. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja li għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), fil-kwalità tagħha ta' qorti tal-aħħar istanza, wettqitx ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni, minn naħa, billi ddeċidiet li ma tressaqx talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, u, min-naħa l-oħra, billi naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

97. F'dan ir-rigward, ninnota li t-tielet domanda preliminari, kif hija fformulata mill-qorti tar-rinviju, tirreferi biss, essenzjalment, għall-allegati ksur ta' obbligi ta' rinviju u ta' motivazzjoni taċ-ċaħda tat-talbiet għal rinviju, fir-rigward tal-interpetazzjoni tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004. Madankollu, jidher li BX kien talab ukoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1)

[43] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza CIM", EU:C:2021:799, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[44] Ara s-sentenza CIM (punti 32 u 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[45] Ara s-sentenzi CIM (punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata) tad-29 ta' Lulju 2024, Breian (C-318/24 PPU, EU:C:2024:658, punt 68) u tal-15 ta' Ottubru 2024, KUBERA (C-144/23, EU:C:2024:881, punti 62 sa 65).

[46] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill (C-123/18 P, EU:C:2019:694, punt 39), dwar ir-rikors għal danni minħabba l-illegalità ta' att jew aġir li jista' jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

[47] Dan l-obbligu ta' motivazzjoni li għandhom il-qrati nazzjonali li jiddeċiedu fl-aħħar istanza seta' jiġi dedott impliċitament mill-ġurisprudenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri tas-sentenzi Cilfit u Köbler, iżda wkoll mill-Artikolu 47 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Ferreira da Silva e Brito *et* (C-160/14, EU:C:2015:390, punti 90 u 94) u tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża CIM (C-561/19, EU:C:2021:291, punt 171)], anki jekk huwa biss fis-sentenza CIM li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilietu billi ħolqot rabta espressa bejn it-tliet kriterji li jirriżultaw mis-sentenza Cilfit (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Ćapeta fil-kawża Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (C-767/23, EU:C:2025:486, punt 37)).

tar-Regolament Nru 1782/2003[48]. Għalhekk, nipproponi li jitwessa' l-kamp ta' din id-domanda sabiex hija tkopri wkoll dan l-element. Barra minn hekk, teżisti rabta evidenti u stretta, f'dan il-każ, bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, peress li l-ineżattezza tal-mapep topografiċi kkonċernata mill-Artikolu 20 taqa' taħt il-motivi invokati minn BX sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004.

98. Fl-ewwel lok, *fir-rigward tal-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003*, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) illimitat ruħha, fid-digriet tagħha tat-2 ta' April 2012, li tiċħad t-talba għal rinviju preliminari billi kkonstatat li l-elementi li BX kien ressaq "ma kinux jeħtieġu" li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE mingħajr ma tat ir-raġunijiet għalfejn hija kienet issostni dik il-pożizzjoni proċedurali[49]. Għalhekk, jidher li din il-qorti qieset b'mod impliċitu li din l-interpretazzjoni ma kinitx rilevanti, probabbilment minħabba l-fatt li l-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament ma setax jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Rumen, peress li huwa ma kienx jagħti drittijiet lil individwi[50]. F'dan ir-rigward, nikkonstata li, peress li din id-dispożizzjoni ma kinitx għadha ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u li għalhekk il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) ma kinitx, bħala regola, eżentata mill-obbligu tagħha li tagħmel rinviju preliminari[51], din tal-aħħar kellha tagħti l-motivazzjonijiet tagħha għalfejn kienet tqis lilha nnifisha ħielsa mill-obbligu li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-eċċezzjonijiet irrikonoxxuti mis-sentenza Cilfit. Madankollu, kif ġie rrelevat iktar 'il fuq, l-assenza ta' "neċessità" kellha tinftiehem, f'dan il-każ, bħala nuqqas ta' "relevanza". Issa, l-evalwazzjoni tal-kriterju ta' "relevanza", kuntrarjament għaż-żewġ kriterji l-oħra tat-teorija tal-"acte clair" jew "éclairé", taqa' biss taħt il-kompetenza tal-qorti tar-rinviju[52]. Għalhekk, hija din il-qorti li għandha teżamina, minn naħa, jekk il-motivi tad-digriet tat-2 ta' April 2012, moqrija flimkien mas-sentenza tas-sentenza tad-9 ta' April 2012 tal-imsemmija qorti, urewx b'mod suffiċjentement ċar il-motivi li għalihom l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1) tal-istess regolament ma kinitx "neċessarja" għall-finijiet tal-azzjoni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà, u, min-naħa l-oħra, jekk l-assenza ta' "neċessità" li jiġi interpretat dan l-Artikolu 20(1) kinitx fondata, b'mod partikolari, sa fejn l-argument li BX ried jibbaża fuq din id-dispożizzjoni kien, essenzjalment, infondat u għalhekk irrilevanti f'dan il-każ.

99. Fi kwalunkwe każ, anki fl-ipoteżi li l-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) kisret l-Artikolu 267 TFUE billi naqset milli tagħmel rinviju preliminari jew milli timmotiva b'mod suffiċjenti d-deċiżjoni tagħha, tali ksur ma jistax, fil-fehma tiegħu, jiġi kkaratterizzat bħala "manifest". Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 95 ta' dawn il-konklużjonijiet, peress li l-obbligu ta' motivazzjoni konformement mar-rekwiżiti stabbiliti fis-sentenza CIM ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja diversi snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan l-obbligu ma jistax ikun applikabbli b'mod strett fil-konfront tal-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), u lanqas, *a fortiori*, ikun ta' bażi għal ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni minħabba nuqqas ta' motivazzjoni. Min-naħa l-oħra, mir-risposta li jiena nipproponi li għandha tingħata lill-ewwel domanda preliminari jirriżulta li l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma jagħti ebda dritt

[48] Ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[49] Ara l-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[50] Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[51] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 1963, Da Costa *et* (28/62 à 30/62, EU:C:1963:6, p. 75 u 76).

[52] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Ćapeta fil-kawża Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (C-767/23, EU:C:2025:486, punt 30), li tikkonstata li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza sabiex tinterpreta l-ewwel kriterju, jiġifieri dak dwar ir-"relevanza".

lill-individwi. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni proposta mill-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) tikkoinċidi ma' din il-pożizzjoni u ma kkontribwixxietx għall-adozzjoni jew għaż-żamma ta' miżuri jew ta' prassi nazzjonali kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

100. Fit-tieni lok, *fir-rigward tal-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004*, fin-nuqqas ta' interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, bilfors għandu jiġi kkonstatat li, kif irrilevat it-TGI ta' Bukarest), il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) kellha tinkludi iktar elementi fil-motivi tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba sabiex tressaq rinviju għal deċiżjoni preliminari[53], sabiex tippermetti lill-qorti adita b'azzjoni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat Rumen tivverifika jekk il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE kinux issodisfatti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u sa fejn huwa kkonstatat li l-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004 jagħti drittijiet lil individwi, jista' jiġi sostnut li l-ewwel kundizzjoni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà marbuta mal-ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija ssodisfatta.

101. Madankollu, bħall-analiżi preċedenti, u fid-dawl tas-sentenza Köbler u tal-ġurisprudenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja[54], din l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni ma tistax, fil-fehma tiegħi, tikkostitwixxi ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni jew suffiċjentement gravi sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat Rumen. Fil-fatt, l-ewwel nett, BX jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 68(2) tar-Regolament Nru 796/2004, meta jitlaq mill-premessa li kien hemm ksur tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1782/2003. Issa, sa fejn, f'dan il-każ, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) ma kkonstatatx tali ksur, li jitqies li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004 ma huwiex "neċessarju" jidhirli, qabel xejn, koerenti u ċertament ma jikkostitwixxix "ksur manifest tad-dritt applikabbli", jiġifieri tar-Regolamenti Nru 796/2004 u Nru 1782/2003, jew tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dawn[55] sa fejn ma kien jeżisti, f'din il-kawża, ebda sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni. It-tieni nett, mill-elementi tal-proċess jirriżulta li l-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) ikkunsidrat li, f'dan il-każ, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni korretti tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004 kienu tant ovvji li ma kienu jħallu "ebda dubju raġonevoli", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punt 94 ta' dawn il-konklużjonijiet. Skont il-qorti tar-rinviju, is-sitwazzjoni ta' BX ma kinitx taqa' fil-każijiet previsti mill-Artikolu 68(1) ta' dan ir-regolament, peress li dan kien inizjalment iddikjara ċerta superfiċi u mbagħad irtira 84.09 ha minnha, minkejja li ma kienx hemm bidla fis-sitwazzjoni tal-art, iżda wkoll peress li huwa seta' u kellu jkun jaf is-superfiċi eżatta li huwa kien juża u jiddikjaraha korrettament. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju, li tiddeċiedi fl-aħħar istanza, ma jidhirx li kisret manifestament id-dritt tal-Unjoni, meta hija kkunsidrat, fil-kuntest tal-marġni ta' evalwazzjoni tagħha, li hija kienet tinsab f'sitwazzjoni li tippermettilha tastjeni milli tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament Nru 796/2004, peress li r-risposta għaliha kienet ovvja.

102. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għat-tielet domanda preliminari tkun li l-fatt li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju ma adixxietx lill-Qorti tal-Ġustizzja, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, b'domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni

[53] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 12.

[54] Ara l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[55] Ara, s-sentenzi Köbler (punt 52) u Tomášová (punt 23).

tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004, mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni finali ta' din il-qorti, ma jidhirx li jikkostitwixxi ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Membru inkwistjoni.

V. Konklużjoni

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Curtea de Apel Bucureşti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija):

1) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1009/2008 tad-9 ta' Ottubru 2008,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li għandha l-għan li tagħti drittijiet lil individwi, u b'mod partikolari, lil applikanti għal pagamenti diretti.

2) L-Artikolu 68(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-modulazzjoni u tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' verifika li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità li dwarha hemm dispożizzjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 381/2007 tal-4 ta' April 2007, moqri flimkien mal-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament,

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   il-kunċett ta' "informazzjoni fattwalment korretta" li jinsab fl-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwarda kemm id-dikjarazzjoni korretta tas-superfiċi mill-bidwi kif ukoll l-identifikazzjoni korretta minnu tal-art maħduma u tal-limiti tagħha.

3) L-Artikolu 267 TFUE

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   il-fatt li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju ma adixxietx lill-Qorti tal-Ġustizzja b'domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 796/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 381/2007, mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni finali ta' din il-qorti, ma jidhirx li jikkostitwixxi ksur manifest tad-dritt tal-Unjoni ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Membru inkwistjoni.